# Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti

Ġustizzja adattata għat-tfal tirreferi għal sistemi ġudizzjarja li tiggarantixxi r-rispett u l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet kollha tat-tfal fl-ogħla livell li jista' jinkiseb

Madwar 19% tal-popolazzjoni tal-UE (95 miljun) għandhom inqas minn 18 sena. Il-minuri jistgħu jiġu involuti direttament jew indirettament mas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri f'diversi modi, pereżempju meta jikkommettu reati, meta jkunu xhieda jew vittmi ta' delitti, meta jitolbu l-asil, meta jkunu s-suġġett ta' proċedimenti ta' adozzjoni jew meta l-ġenituri tagħhom ma jaqblux dwar il-kustodja.

Il-proċedimenti ġudizzjarji jista' jkollhom impatt konsiderevoli fuq il-ħajja tal-minuri u n-nuqqas ta' reazzjoni adattata għat-tfal jista' jirriżulta f'restrizzjonijiet jew ksur tad-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, meta s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali ma jkollhomx proċeduri u prattiki adattati għat-tfal, l-aktar tfal vulnerabbli (eż. tfal b'diżabilitajiet jew tfal migranti) jaffaċċaw ostakli partikolari fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom.

Jenħtieġ li d-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja jkun garantit għall-minuri kollha. Barra minn hekk, matul l-involviment tagħhom mas-sistema ġudizzjarja, jenħtieġ li t-tfal jiġu ttrattati b'rispett għall-età tagħhom, il-ħtiġijiet speċjali tagħhom, il-maturità u l-livell ta' fehim tagħhom u b'konsiderazzjoni ta' kwalunkwe diffikultà ta' komunikazzjoni li jista' jkollhom.

Hemm bżonn ta' informazzjoni aktar ċara dwar in-nies u l-proċeduri involuti fil-ġustizzja li taffettwa lill-minuri, kif ukoll ta' attenzjoni speċjali li tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-minuri. F'dan ir-rigward, ġew identifikati żewġ kategoriji: **tfal bħala persuni ġudizzjarji** u **proċeduri speċifiċi** fis-seħħ fil-pajjiżi tal-UE, skont il-fergħa tal-liġi.

L-ewwel kategorija ġġib flimkien l-elementi ġenerali relatati mal-kapaċità personali tat-tfal, bħar-responsabbiltà kriminali jew ċivili, l-aċċess għal appoġġ legali, ir-relazzjoni mal-iskola/l-edukazzjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet f'termini ta' kura tas-saħħa, qrati/istituzzjonijiet speċjalizzati jew appoġġ finanzjarju meta jmorru l-qorti.

It-tieni kategorija għandha l-għan li tiġbor informazzjoni dwar kif il-minuri jiġu ttrattati fil-kuntest ta' proċedimenti ġudizzjarji u n-natura speċifika tal-proċeduri kriminali, ċivili u amministrattivi fl-Istati Membri.

L-aħħar aġġornament: 21/09/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Danimarka

### 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

Fid-Danimarka, l-età minima biex attur ikun jista' jiftaħ kawża l-qorti f'ismu stess hija ta' 18-il sena.

### 2. Aċċess għal proċedimenti adattati

Fil-kawżi tal-liġi kriminali, ma hemmx fis-seħħ istituzzjonijiet speċjalizzati biex jittrattaw vittmi minuri u xhieda minuri. Is-servizzi normali tal-pulizija, tal-prosekuzzjoni u tal-qorti jittrattaw lil dawn il-persuni minuri.

Fid-dritt ċivili, ma hemm l-ebda istituzzjoni speċjalizzata li tittratta lill-minuri fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili fid-Danimarka.

Bħala regola ewlenija, l-ordinament ġuridiku Daniż huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-imħallfin u l-uffiċjali ġudizzjarji huma "ġeneralisti". B'hekk, l-ebda mħallef jew uffiċjal ġudizzjarju speċjalizzat ma huwa involut fi proċedimenti li jikkonċernaw lill-minuri.

Il-qrati għandhom obbligu ġenerali li jsegwu kwalunkwe kawża bil-ħeffa meħtieġa.

Fl-2013, il-Gvern Daniż iddeċieda li jsaħħaħ il-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ mill-abbuż. Meta wieħed jassumi li persuna minuri jew żagħżugħa teħtieġ appoġġ speċjali, il-kunsill muniċipali għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-persuna minuri jew żagħżugħa jiġu eżaminati.

Għall-ġustizzja kriminali, ma hemmx fis-seħħ istituzzjonijiet speċjalizzati biex jittrattaw vittmi minuri u xhieda minuri.

Id-Danimarka tqis il-minuri mhux akkumpanjati bħala grupp partikolarment vulnerabbli u, għal dan l-għan, tfasslu linji gwida għall-ipproċessar ta' dawn it-talbiet.

L-atturi minuri jiġu rrappreżentati mill-ġenituri jew mill-gwardjani tagħhom matul il-proċedimenti ġudizzjarji ċivili billi huma ma għandhomx il-kapaċità ġuridika proċedurali li jaġixxu. Il-persuni minuri li jissejħu bħala xhieda fil-qrati ċivili ordinarji ma għandhomx id-dritt li jitolbu għas-servizzi ta' avukat mingħajr ħlas.

### 3. Aspetti multidixxiplinarji

Fl-2013, il-Gvern Daniż alloka fondi għal inizjattivi li jsaħħu l-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ mill-abbuż. Waħda mill-inizjattivi kienet it-twaqqif ta' 5 "Djar tat-Tfal" speċjali li jkopru l-muniċipalitajiet kollha fid-Danimarka.

Twaqqaf mekkaniżmu ta' kooperazzjoni biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni f'każijiet ta' kunflitt kbir bejn l-Amministrazzjoni Reġjonali tal-Istat u l-muniċipalitajiet.

### 4. Taħriġ tal-professjonisti

Id-Deputati Mħallfin jipparteċipaw f'sensiela ta' korsijiet ta' taħriġ bażiku obbligatorju. Dawn il-korsijiet jinkludu taħriġ fl-immaniġġjar ta' każijiet ta' kustodja.

Fir-rigward tal-imħallfin, dan is-suġġett ġeneralment ikun inkorporat f'korsijiet ta' taħriġ u seminars, meta jkun rilevanti.

Ma jeżisti l-ebda taħriġ obbligatorju tal-avukati li jirrappreżentaw lill-persuni minuri f'kawżi ċivili, kawżi kriminali jew kawżi fi ħdan is-sistema amministrattiva.

Id-Direttur tal-Prosekuzzjoni Pubblika joffri seminar bħala parti mit-taħriġ supplimentari tal-prosekuturi li jiġu f'kuntatt ma' persuni minuri matul il-proċedimenti.

Il-Gvern Daniż jappoġġa kontinwament lill-muniċipalitajiet fil-ħidma tagħhom biex jipprovdu s-servizz xieraq għat-tfal u ż-żgħażagħ vulnerabbli u għall-familji tagħhom. Għalhekk, ġie allokat finanzjament annwali għall-edukazzjoni ulterjuri tal-ħaddiema soċjali muniċipali.

### 5. L-aħjar interessi tal-minuri

Skont l-Att Daniż dwar is-Servizzi Soċjali, il-muniċipalità hija obbligata li tipprovdi lil persuna minuri bl-appoġġ meħtieġ f'konformità mal-aħjar interessi tal-minuri. B'hekk, l-appoġġ irid jiġi adattat għas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-minuri, jiġi pprovdut fi stadju bikri u fuq bażi kontinwa sabiex kwalunkwe problema tkun tista' tiġi rrimedjata kemm jista' jkun fid-dar tal-minuri jew fl-ambjent immedjat tal-minuri. Barra minn hekk, l-appoġġ irid ikun ibbażat fuq ir-riżorsi proprji tal-minuri.

### 6. Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Għall-ġustizzja kriminali, fir-rigward tal-vittma, meta jiġi rrapportat allegat reat lill-pulizija, il-pulizija għandhom obbligu ġenerali li jipprovdu gwida u informazzjoni lill-vittma rigward, fost l-oħrajn, id-dritt għall-għajnuna legali.

Sentenzi ċivili li jinvolvu persuni minuri bħala atturi jiġu eżegwiti skont ir-regoli normali tal-eżekuzzjoni mill-qrati tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. L-atturi minuri ma għandhomx il-kapaċità ġuridika proċedurali li jaġixxu, għalhekk, jeħtieġ li jkunu rrappreżentati mill-ġenituri jew mill-gwardjani tagħhom li jeżerċitaw id-drittijiet tal-attur minuri.

F'kawżi tal-liġi tal-familja, l-eżekuzzjoni ta' sentenzi dwar il-kustodja u r-residenza tal-minuri sseħħ mill-qrati tal-Uffiċjali Ġudizzjarji. L-eżekuzzjoni ma jistax iseħħ jekk is-saħħa fiżika u mentali tal-persuna minuri tkun esposta għal periklu serju.

**7. Aċċess għar-rimedji**

Għal-liġi kriminali, meta jiġi rrapportat allegat reat lill-pulizija, il-pulizija għandhom obbligu ġenerali li jipprovdu gwida u informazzjoni lill-vittma rigward, fost l-oħrajn, id-dritt għall-għajnuna legali u informazzjoni dwar id-denunzji. It-talbiet għal kumpens jistgħu jiġu ttrattati waqt il-proċess kriminali.

Persuna minuri jista' jkollha l-istatus ta' attur, iżda minħabba n-nuqqas ta' kapaċità proċedurali tagħha li taġixxi, ma tistax tressaq kawża b'mod indipendenti quddiem il-qrati domestiċi f'isimha stess.

Persuna minuri jista' jkollha l-istatus ta' konvenut, iżda l-azzjonijiet proċedurali kollha jridu jittieħdu mill-ġenituri jew mill-kustodju tal-persuna minuri f'isimha. Kulħadd, inklużi l-minuri, huwa obbligat jixhed fi proċedura tal-qorti, jekk ikun mistieden jattendi bħala xhud mill-qorti. Mhuwiex meħtieġ il-qbil ta' ġenitur /kustodju għall-parteċipazzjoni tal-persuna minuri fil-proċedimenti bħala xhud.

Il-persuni minuri jista' jkollhom l-istatus ta' atturi u konvenuti fil-proċedimenti tad-dritt ċivili. B'mod ġenerali, il-persuni minuri ma għandhomx il-kapaċità ġuridika proċedurali li jaġixxu u, għalhekk, il-ġenituri jew il-kustodji tagħhom jeżerċitaw id-drittijiet tal-atturi u l-konvenuti minuri, inkluż id-dritt ta' appell.

**8. Il-ħajja tal-familja**

Qabel ma tingħata approvazzjoni bħala ġenituri adottivi prospettivi, is-segretarjat tal-Kunsill Konġunt għandu jwettaq investigazzjoni bir-reqqa tal-applikanti. L-eżiti tal-investigazzjoni jiġu ppreżentati lill-Kunsill Konġunt, li, abbażi tal-investigazzjoni, jiddeċiedi jekk l-applikanti jistgħux jiġu approvati bħala ġenituri adottivi prospettivi jew le.

L-Att Daniż ta' Diċembru 2015 dwar l-Adozzjoni jippermetti biss adozzjoni sħiħa. Fil-preżent, l-AAB Daniż jikkoopera biss mal-Istati tal-oriġini li l-leġiżlazzjoni tagħhom tippermetti adozzjonijiet b'saħħithom.

Fir-rigward tal-adozzjonijiet nazzjonali, l-Att Daniż dwar l-Adozzjoni jiddikjara li l-persuni minuri kollha li għandhom aktar minn 12-il sena jridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-adozzjoni.

F'każ li t-tfal ikollhom inqas minn 12-il sena, l-Amministrazzjoni tal-Istat trid, meta l-maturità tat-tfal u n-natura tal-każ jippermettu, tipprovdi informazzjoni dwar l-attitudni tat-tfal lejn l-adozzjoni.

Il-Ministru għall-Affarijiet Soċjali u l-Intern huwa responsabbli għal-leġiżlazzjoni dwar l-adozzjoni.

Ġustizzja favur il-persuni minuri fid-Danimarka(499 Kb) (499 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 30/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Estonja

**1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri**

Skont il-Parti Ġenerali tal-Att dwar il-Kodiċi Ċivili, il-persuni kollha għandhom kapaċità ġuridika passiva. Il-persuni taħt it-18-il sena għandhom kapaċità ġuridika attiva ristretta. Qorti tista' testendi l-kapaċità ġuridika attiva ristretta tal-persuni minuri ta' 15-il sena jew aktar jekk dan ikun fl-interess tal-minuri u jekk il-livell ta' żvilupp tal-minuri ikun jippermettih. Fl-Estonja, l-età minima biex attur ikun jista' jiftaħ kawża quddiem il-qorti f'ismu stess hija ta' 15-il sena.

**2. Aċċess għal proċedimenti adattati**

Fir-rigward tas-sistemi ġudizzjarji jekk jogħġbok ara l-paġna rispettiva tal-portal tal-e-Ġustizzja.

Persuni minuri taħt l-età minima għar-responsabbiltà kriminali (14-il sena) li jkunu kkommettew reati jiġu ttrattati mill-kumitati tal-minorenni. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-kumitati l-ewwel jiġu mistħarrġa mill-gvernatur tal-kontea u mbagħad l-appelli sussegwenti fi proċedimenti ġudizzjarji amministrattivi jiġu mistħarrġa mill-qrati amministrattivi. Huwa possibbli li ssir talba għal miżura xierqa meta l-kawża tkun ilha fil-qorti għal disa' xhur jew aktar u l-qorti tkun għadha ma ressqitx proċediment meħtieġ abbażi ta' ġustifikazzjoni raġonevoli. Barra minn hekk, jekk is-seduta tiġi posposta għal aktar minn tliet xhur mingħajr il-kunsens tal-partijiet, il-partijiet jistgħu jappellaw id-deċiżjoni. Hemm regoli speċifiċi dwar il-miżuri provviżorji, li jistgħu jiġu ordnati mill-qorti sabiex jipproteġu lill-persuna minuri mill-ħsara u jiggarantixxu l-azzjoni, u l-liġi tipprovdi eżenzjoni mis-smigħ ta' tfal bi bżonnijiet speċjali.

**3. Aspetti multidixxiplinarji**

Il-protezzjoni tal-minuri tiġi organizzata mill-Gvern tar-Repubblika, mill-kunsill għall-protezzjoni tal-minuri, mill-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali, mill-Bord tal-Assigurazzjoni Soċjali, mill-gvernaturi tal-kontej u mill-gvernijiet lokali abbażi tal-funzjonijiet previsti fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri.

**4. Taħriġ tal-professjonisti**

It-taħriġ tal-imħallfin jiġi organizzat mill-Kunsill għat-Taħriġ Ġudizzjarju li jopera taħt il-Qorti Suprema f'konformità mal-Att tal-Qorti Estonjana. Il-Kamra tal-Avukati Estonjana hija membru tal-Kamra tal-Avukati Ewropea u tikkomunika ma' Stati Membri oħrajn dwar it-taħriġ permezz tagħha.

**5. L-aħjar interessi tal-minuri**

Ħafna atti ġuridiċi jirreferu għall-interessi tal-minuri. L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (it-taqsima 21) jippromulga l-obbligu li jiġu stabbiliti l-aħjar interessi ta' persuna minuri bħala kunsiderazzjoni primarja.

**6. Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri**

Billi l-persuni minuri ma għandhomx kapaċità proċedurali attiva, huma ma jiġux infurmati personalment dwar is-sentenza u l-eżekuzzjoni tagħha mill-qorti. Ladarba s-sentenza ssir eżekutorja, ir-rappreżentant legali tal-minuri jista' jissottometti talba għall-eżekuzzjoni lill-uffiċjal ġudizzjarju. Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni rigward il-proċedimenti tal-eżekuzzjoni lill-persuna minuri hija preżunta li hija r-responsabbiltà tar-rappreżentant legali.

**7. Aċċess għar-rimedji**

Fl-Estonja, il-persuni minuri involuti fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili jiġu rrappreżentati mir-rappreżentanti legali tagħhom, li huma preżunti li jaġixxu fl-aħjar interessi tagħhom. Għalhekk, fil-prinċipju, ir-rappreżentanti legali tal-minuri jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet u jressqu appelli quddiem il-qorti f'isem il-minuri tagħhom mingħajr il-kunsens tal-istess minuri. Madankollu, jista' jiġi dedott mil-liġi li persuna minuri tista' wkoll tissottometti talba/appell lill-qorti f'isimha stess. Ġeneralment, ir-rappreżentant legali tagħha jkun mistenni li jissieħeb minnufih. Fi kwistjonijiet familjari fuq talba, persuna minuri ta' 14-il sena jew aktar b' fehim suffiċjenti tal-proċedimenti għandha d-dritt li tappella kontra sentenzi tal-qorti mingħajr ma tkun irrappreżentata mir-rappreżentant legali tagħha.

**8. Il-proċedura għall-adozzjoni, inkluża l-adozzjoni internazzjonali**

Persuna li tkun tixtieq tadotta għandha tressaq petizzjoni għall-adozzjoni lill-gvern tal-kontea. Jekk il-gvern tal-kontea jippreżumi li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni jkunu rrispettati, il-persuna li tkun tixtieq tadotta għandha tressaq talba għall-adozzjoni lill-qorti. Talba għall-adozzjoni titressaq lill-qorti tar-residenza tal-persuna minuri adottiva. Jekk ir-residenza tal-ġenitur adottiv jew tal-persuna minuri ma tkunx fl-Estonja, il-qorti ma għandhiex tiddeċiedi dwar l-

adozzjoni mingħajr il-kunsens tal-kumitat għall-adozzjonijiet internazzjonali ffurmat fil-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika tal-Estonja. Tfal li jkollhom mill-inqas 10 snin jistgħu jiġu adottati biss bil-kunsens tagħhom.

Ġustizzja favur il-persuni minuri fl-Estonja (469 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Greċja

### 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

Fil-Greċja, l-età minima tar-responsabbiltà kriminali hija ta' 15-il sena. Persuna minuri fl-età ta' bejn it-12 u l-15-il sena u li tkun ikkommettiet reat għandha d-dritt li tressaq ilment kontra deċiżjoni amministrattiva; ladarba din il-persuna tagħlaq is-17-il sena, dan id-dritt jitgawda esklussivament mill-persuna minuri.

L-età minima biex attur jista' jiftaħ kawża l-qorti f'ismu stess hija ta' 15-il sena għall-impjiegi, 18-il sena għall-ażil, il-migrazzjoni, is-sanzjonijiet amministrattivi u s-saħħa, 12-il sena fil-każijiet ta' terminazzjoni tal-adozzjoni, 16-il sena fi proċedimenti mhux kontenzjużi u 18-il sena fil-każijiet l-oħrajn kollha, sakemm il-persuna minuri ma tkunx rikonoxxuta bħala li għandha kapaċità proċedurali limitata.

### 2. Aċċess għal proċedimenti adattati

Fil-Greċja jeżisti Mħallef Kriminali tal-Minuri, Imħallef Investigattiv tal-Minuri u Prosekutur Pubbliku għall-Minuri f'kull Qorti tal-Prim'Istanza u kull Qorti tal-Appell, li jispeċjalizzaw f'kawżi kriminali li jinvolvu persuni minuri. Il-Qorti tal-Minorenni, komposta minn Imħallfin Kriminali tal-Minuri, tisma' kawżi ta' trażgressuri minuri.

Barra minn hekk, il-minuri huma protetti minn "Soċjetajiet għall-Ħarsien tal-Minuri", li huma stabbiliti f'kull Qorti tal-Prim'Istanza u li l-impjegati tagħhom huma Mħallfin, Prosekuturi, Soċjologi, Għalliema, eċċ.

F'kull Qorti tal-Prim'Istanza u f'xi Qrati tal-Appell hemm Awli speċjalizzati ta' Mħallfin tal-liġi tal-familja. Dawn l-Imħallfin jispeċjalizzaw fil-liġi tal-familja fis-sens li, meta jservu bħala Mħallfin tad-Dritt Ċivili, huma jisimgħu biss kawżi li jikkonċernaw il-liġi tal-familja. Dawn id-dmirijiet jiġu assenjati għal perjodu ta' bejn sentejn u 4 snin.

Fil-ġustizzja amministrattiva, ma hemm l-ebda dispożizzjoni jew istituzzjoni speċjali għal-liġi tal-familja u l-minuri.

### 3. Aspetti multidixxiplinarji

Is-servizz soċjali u l-qrati tal-familja huma f'kooperazzjoni mill-qrib bejniethom fi kwalunkwe stadju. Jitħejjew rapporti għall-Imħallfin u jsiru sessjonijiet ma' psikologi, sabiex kawża tasal għand l-Imħallef fi stadju matur. Jekk ikun meħtieġ, l-Imħallef dejjem jista' jitlob li l-persuna minuri u/jew il-ġenituri tagħha jkunu soġġetti għal eżami speċjali minn professjonist sabiex il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-ambjent tal-familja jiġu eżaminati bir-reqqa.

### 4. Taħriġ tal-professjonisti

It-taħriġ bażiku dwar il-kwalifika ġudizzjarja ma jinkludix il-liġi tal-familja separatament minn oqsma oħrajn tal-liġi. Madankollu, il-liġi tal-familja tifforma parti minn taħriġ kontinwu organizzat minn korpi bħall-Iskola Nazzjonali tal-Imħallfin, il-Ministeru tal-Ġustizzja, l-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati, Akkademiċi, eċċ. L-Imħallfin u l-Prosekuturi Pubbliċi li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam huma mħeġġa jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

It-taħriġ transkonfinali jiġi żgurat permezz tal-mezzi regolari, jiġifieri l-EJTN, l-ERA jew korpi jew istituzzjonijiet oħrajn li jittrattaw it-taħriġ ġudizzjarju f'livell Ewropew.

### 5. L-aħjar interessi tal-minuri

Il-miżuri kollha li għandhom jittieħdu u l-azzjonijiet kollha adottati minn korpi jew entitajiet tal-Istat, kif ukoll mill-qrati, għandhom ikunu konformi mal-prinċipju li dawn jaqdu l-aħjar interessi tal-minuri. Fil-qorti, huwa f'idejn l-Imħallef li jattwalizza dan il-kunċett fuq bażi ta' każ b'każ.

### 6. Aċċess għar-rimedji

Bħal fil-każ tal-adulti, il-persuni minuri jingħataw id-drittijiet kollha u jiġu infurmati bil-proċeduri kollha li jistgħu jiġu implimentati meta jkunu involuti f'kawża kriminali jew ċivili. Speċjalment fil-proċedimenti kriminali, il-Prosekutur Pubbliku jista' "jiffriża" proċedura kriminali wara li jisma' lill-persuna minuri, jekk dan ikun jista' jevita li tiġi kkawżata ħsara irreparabbli lill-personalità tagħha.

### 7. Il-ħajja tal-familja

Skont il-liġi Griega, il-persuni interessati li jadottaw tifel jew tifla partikolari għandhom iressqu talba fil-Qorti tal-Prim'Istanza tar-residenza tat-tifel/tifla biex l-adozzjoni tiġi ddikjarata legalment. Il-ġenituri bijoloġiċi jridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-adozzjoni tal-wild tagħhom mill-ġenituri adottivi prospettivi quddiem Imħallef fl-awla tiegħu. Tfal li jkunu se jiġu adottati u li jkunu laħqu l-età ta' tnax-il sena jridu jagħtu l-kunsens tiegħhom ukoll. Waqt is-seduta tal-qorti irid jixhed xhud li l-applikanti huma f'kapaċità li jieħdu ħsieb u jrabbu il-minuri partikolari, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni tagħhom u r-riżorsi finanzjarji tagħhom. L-istess japplika għall-adozzjonijiet internazzjonali. Din il-proċedura hija stabbilita fl-Artikolu 1542 et seq tal-Kodiċi Ċivili Grieg u fl-Artikolu 800 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Grieg.

Teżisti l-adozzjoni ta' minuri u l-adozzjoni ta' adulti. L-adozzjoni ta' adulti hija eċċezzjonali u tikkonċerna biss lill-qraba sar-raba' grad (jiġifieri kuġini) (l-Artikolu 1579 tal-Kodiċi Ċivili Grieg). Barra minn hekk, adulti miżżewġin jistgħu jiġu adottati biss bil-kunsens tal-konjuġi tagħhom (l-Artikolu 1583 tal-Kodiċi Ċivili Grieg).

Il-Qorti tal-Prim'Istanza Multimembri tal-post ta' residenza tal-persuna minuri hija kompetenti għall-proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali u internazzjonali tal-adozzjoni (l-Artikolu 800 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). B'mod speċjali għall-adozzjoni internazzjonali, teżisti wkoll l-Awtorità Ċentrali tal-Adozzjonijiet Bejn Pajjiż u Ieħor, li taqa' taħt il-kompetenza tal-Ministeru Grieg tax-Xogħol (l-Artikolu 19 tal-Liġi 3868/2010).

Ġustizzja favur il-persuni minuri fil-Greċja (326 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 04/08/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Spanja

L-Artikolu 12 tal-Kostituzzjoni Spanjola stabbilixxa l-età maġġuri tal-Ispanjoli bħala ta' 18-il sena. Fi Spanja, il-minuri/it-tfal huma kkunsidrati bħala dawk kollha taħt l-età ta' 18-il sena.

### 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

L-età minima biex attur ikun jista' jressaq kawża quddiem il-qorti f'ismu stess fi Spanja hija ta' 18-il sena.

Huma biss il-minuri emanċipati li jistgħu jressqu talba f'isimhom stess. B'mod ġenerali, l-emanċipazzjoni tintlaħaq fl-età ta' 18-il sena, jew fl-età ta' 16-il sena permezz ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja, awtorizzazzjoni tal-ġenituri jew żwieġ. F'xi reġjuni, l-emanċipazzjoni tista' tinkiseb fl-età ta' 14-il sena.

L-età minima tar-responsabbiltà kriminali fi Spanja hija ta' 14-il sena, skont il-Liġi li tirregola r-Responsabbiltà Kriminali tal-Minuri. Il-miżuri applikati għal persuni minuri taħt l-età minima tar-responsabbiltà kriminali (taħt l-14-il sena fi Spanja) huma volontarji jew jaqgħu taħt il-qasam tat-tqegħid f'kustodja.

**2. Aċċess għal proċedimenti adattati**

Il-Qrati tal-Minorenni: qrati speċjalizzati msejħa "*Juzgados de menores*" jisimgħu kawżi li jikkonċernaw reati u reati żgħar kommessi minn persuni fl-età ta' bejn 14-il sena u inqas minn 18-il sena f'konformità mal-Liġi Organika 5/2000, tat-12 ta' Jannar, li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minuri. Il-proċedimenti kriminali kontra trażgressuri minuri jitmexxew minn maġistrati/prosekuturi speċjalizzati.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (PPO) huwa responsabbli biex jiddefendi d-drittijiet tal-minuri rikonoxxuti bil-liġi. Il-miżuri li jistgħu jittieħdu kontra trażgressuri minorenni fl-età ta' bejn l-14 u t-18-il sena huma miġbura f'liġi speċifika (il-Liġi Organika 5/2000, tat-12 ta' Jannar, li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minuri).

Meta l-awtur ikollu inqas minn erbatax-il sena, il-Liġi Organika msemmija li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minuri ma tiġix applikata, iżda minflok jiġu applikati l-artikoli speċifiċi tal-Kodiċi Ċivili u l-bqija tar-regolament attwali.

F'kawżi li jinvolvu persuni minuri bħala vittmi jew xhieda, li jiġu ttrattati minn qrati regolari, jiġu pprovduti salvagwardji speċifiċi mil-liġi skont l-età tal-minuri, pereżempju, id-depożizzjonijiet tal-aktar tfal vulnerabbli jsiru lil psikologu speċjalizzat u jiġu rreġistrati biex jiġi evitat li jiġu ripetuti fil-qorti u, fi kwalunkwe każ, dan jevita konfrontazzjoni viżwali bejn il-minuri u l-allegat awtur.

Il-ġustizzja ċivili: Il-Qrati Ċivili Ordinarji (*Juzgados de Primera Instancia*) jittrattaw it-talbiet tal-minuri skont il-liġijiet proċedurali ċivili, minbarra li hemm qrati ċivili speċjalizzati li jittrattaw esklussivament il-materji familjari, imsejħa Qrati tal-Familja (*Juzgados de Familia*).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku huwa intitolat li jipparteċipa fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili li fihom ikunu involuti persuni minuri jew persuni b'diżabbiltà, sakemm jinħatar kustodju għalihom.

Għalkemm il-persuni minuri ġeneralment ma jkollhomx il-kapaċità li jibdew proċedimenti ċivili huma stess, l-Att jistabbilixxi li fejn miżura tista' taffettwa l-interessi tagħhom u meta jkollhom maturità suffiċjenti, huma għandhom jinstemgħu u, fi kwalunkwe każ, meta jkollhom 12-il sena jew aktar jinstemgħu dejjem.

Fir-rigward ta' separazzjoni jew divorzju, matul il-proċedimenti, il-qorti għandha dejjem tqis l-aħjar interessi tal-minuri.

Dawn li ġejjin huma proċedimenti amministrattivi li jinvolvu persuni minuri: il-protezzjoni ta' minuri, l-adozzjonijiet, l-ażil, il-migrazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sanzjonijiet amministrattivi.

**3. Il-miżuri legali u ta' politika sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri**

B'mod ġenerali u għall-ġuriżdizzjonijiet kollha, sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċedimenti li jinvolvu persuni minuri, il-Liġi Organika 1/1996 tal-15 ta' Jannar dwar il-Protezzjoni Legali tal-Minuri (LOPJM) tiddikjara li, fil-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, id-dehra jew is-smigħ ta' persuni minuri jingħataw prijorità u jitmexxew b'mod li jkun xieraq għas-sitwazzjoni u l-iżvilupp evoluzzjonarju tagħhom, bl-għajnuna, jekk ikun meħtieġ, ta' professjonisti kkwalifikati jew esperti, li jippreservaw il-privatezza tagħhom u jużaw lingwaġġ li jinftiehem minnhom, f'formati aċċessibbli u adattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom, filwaqt li jinfurmawhom kemm bil-kontenut tal-mistoqsijiet kif ukoll bil-konsegwenzi tal-opinjonijiet tagħhom, b'rispett sħiħ għas-salvagwardji proċedurali kollha.

Kawżi kriminali; il-miżuri legali u ta' politika fis-seħħ ivarjaw skont iċ-ċirkostanzi: persuna minuri bħala vittma u persuna minuri bħala trażgressur.

Il-ġustizzja ċivili: ir-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-qorti timponi miżura ta' prekawzjoni. Bħala regola ġenerali, il-persuni minuri ma jistgħux jitolbu lill-qorti tordna miżuri ta' prekawzjoni f'isimhom stess u jeħtieġu l-assistenza tar-rappreżentanti legali tagħhom.

Meta persuni minuri jkunu involuti fi proċedimenti tal-familja, ġeneralment jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni qabel is-sentenza, fl-aħjar interess tal-minuri affettwati, bħall-kustodja, l-ikel, l-aċċess, il-miżuri ta' appoġġ finanzjarju, eċċ.

**4. Il-mekkaniżmi u l-proċeduri speċifiċi ta' manteniment għat-tfal u l-aħjar interessi tal-minuri**

Il-leġiżlazzjoni Spanjola fiha xi dispożizzjonijiet importanti li jsaħħu l-miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-minuri u huwa stabbilit qafas legali xieraq li jikkonċerna *persuni minuri barranin*, li jirrikonoxxi, għal dawk li jinsabu fi Spanja u irrispettivament mill-istatus amministrattiv tagħhom, id-drittijiet tagħhom għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi soċjali taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-minuri Spanjoli. B'rabta *mal-minuri protetti minn Entitajiet Pubbliċi,* ir-rikonoxximent tal-istatus assigurat tagħhom fir-rigward tal-assistenza għall-kura tas-saħħa jsir *ex officio*.

L-awtoritajiet pubbliċi huma obbligati jiżguraw li l-gruppi vulnerabbli, bħal minuri mhux akkumpanjati, dawk li jippreżentaw ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali, tfal b'diżabbiltà u dawk li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali, pornografija tat-tfal, traffikar ta' bnedmin, jiġu protetti, kif ukoll jiżguraw li d-drittijiet previsti mil-liġi jkunu ġew osservati.

L-LOPJM tiddikjara, bħala prinċipju gwida ta' azzjoni amministrattiva, il-protezzjoni tal-minuri kontra kull forma ta' vjolenza, inkluża waħda li ssir fl-ambjent tal-familja tagħhom, il-vjolenza sessista, it-traffikar tal-bnedmin u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, fost l-oħrajn. Il-protezzjoni ta' minuri vittmi ta' vjolenza domestika hija wieħed mill-pilastri tal-Liġi l-ġdida dwar il-protezzjoni tal-minuri u tal-adoloxxenti ppubblikata fit-28 ta' Lulju 2015.

L-Uffiċċji ta' Assistenza għall-Vittmi, bħala unitajiet dipendenti fuq il-Ministeru tal-Ġustizzja jew fuq il-Komunitajiet Awtonomi, assumew kompetenzi fis-suġġett. Dawn l-uffiċċji jagħmlu valutazzjoni individwali tal-vittmi biex jidentifikaw il-ħtiġijiet speċjali tagħhom għall-protezzjoni, u jassistu lill-vittma fl-oqsma legali, psikoloġiċi u soċjali, bl-għan li jimminimizzaw il-vittimizzazzjoni primarja u jevitaw dik sekondarja. Jiġu pprovduti servizzi speċifiċi ta' manteniment għat-tfal.

Fir-rigward tal-involviment tal-minuri fi proċedimenti ġudizzjarji; il-leġiżlazzjoni Spanjola tirrikonoxxi d-dritt li l-minuri jinstemgħu fi kwalunkwe kawża, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-età, diżabbiltà jew kwalunkwe ċirkostanza oħra, kemm fil-proċedimenti tal-familja kif ukoll fi kwalunkwe proċediment amministrattiv, ġudizzjarju jew ta' medjazzjoni li jkun affettwat u li jwassal għal deċiżjoni li taffettwa l-isfera personali, familjari jew soċjali tagħhom, b' kunsiderazzjoni xierqa għall-fehmiet tagħhom, skont l-età u l-maturità tagħhom. Għalhekk, il-persuna minuri trid tirċievi l-informazzjoni li tippermetti l-eżerċizzju ta' dan id-dritt b'lingwaġġ li jinftiehem u f'formati sempliċi adattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom.

Billi l-prinċipju tal-"aħjar interess tal-minuri" kien prijorità, meta wieħed iqis: dritt sostantiv, prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni u bħala regola ta' proċedura; Il-leġiżlazzjoni Spanjola (LOPJM) tesiġi li għandha tiġi adottata kwalunkwe miżura fl-interess tal-minuri u li din tissalvagwardja b'mod speċjali l-protezzjoni tal-privatezza tal-minuri.

L-idea ġenerali hija li l-aħjar interess ta' kull persuna minuri għandu jiġi evalwat u ddeterminat individwalment għal kull persuna minuri, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jikkonċernawha.

Id-definizzjoni u l-kriterji li jiddeterminaw l-aħjar interessi tal-minuri huma regolati u spjegati fid-dettall fl-Art. 2 tal-LOPJM.

**5. Il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri**

Persuna minuri bħala trażgressur: L-għan aħħari tar-regolamenti kriminali għall-minuri huwa li dawn jerġgħu jiddaħħlu fis-soċjetà. Dan l-inseriment mill-ġdid irid ikun iffaċilitat permezz ta' miżuri edukattivi u persunal speċjalizzat. L-għoti ta' ġustizzja favur il-persuni minuri wara proċedimenti ġudizzjarji huwa fil-biċċa l-kbira kompetenza tal-Komunitajiet Awtonomi li għandhom ir-responsabbiltà primarja fir-rigward ta' dawk il-miżuri ta' riabilitazzjoni meħtieġa, is-servizz komunitarju jew l-edukazzjoni.

Persuna minuri bħala vittma: Il-persuni minuri li huma vittmi ta' reati kriminali jingħataw servizzi soċjali adattati għall-każ partikolari tagħhom.

**Il-Ġustizzja Ċivili:**

Il-persuni minuri jistgħu jkunu partijiet fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u, għalhekk, kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja tiġi kkomunikata lilhom u huma jistgħu jitolbu l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti, permezz tar-rappreżentanti legali tagħhom (minħabba li huma ma għandhomx il-kapaċità ġuridika biex jaġixxu), sakemm ma jkunux emanċipati.

Bħala konvenut: Il-persuni minuri jistgħu jkunu responsabbli għall-ksur ta' kuntratti magħmula minnhom, filwaqt li jkunu responsabbli għall-proprjetà tagħhom stess.

## 6. Aċċess għar-rimedji

Huwa importanti li wieħed jinnota li, skont il-liġi Spanjola, l-aċċess tar-reġim għar-riżorsi, bħal miżuri li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-minuri f'każ ta' kunflitt ta' interess mal-ġenituri tagħhom, huwa l-istess fil-ġuriżdizzjonijiet kollha.

**Il-Ġustizzja Kriminali:**

Rikors fil-każ ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni: Hemm qafas ġuridiku wiesa' ħafna għall-protezzjoni tal-vittmi taħt l-età fi Spanja, il-Liġi 4/15.

Il-persuni minuri kollha huma intitolati li jirċievu informazzjoni, li jiftħu kawża, li jressqu appell legali jew li jkollhom mekkaniżmi ta' stħarriġ ġudizzjarju, kif ukoll li jitolbu kumpens għad-danni jew kumpens matul jew wara l-proċedimenti kriminali li fihom il-persuna minuri kienet vittma. Kwalunkwe persuna minuri b' nuqqas ta' riżorsi tkun irrikonoxxiet id-dritt għal assistenza legali mingħajr ħlas.

**Il-Ġustizzja Ċivili:**

Sabiex tiddefendi d-drittijiet u l-garanziji tagħha, il-persuna minuri tista':

Titlob il-protezzjoni u l-kustodja tal-entità pubblika kompetenti

Tinforma lill-prosekutur pubbliku dwar is-sitwazzjonijiet

Tressaq ilmenti quddiem l-Ombudsman

Titlob ir-riżorsi soċjali disponibbli tal-amministrazzjonijiet pubbliċi

Titlob assistenza legali u l-ħatra ta' difensur ġudizzjarju

Tressaq ilmenti individwali quddiem il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Minuri.

Fil-każ ta' kunflitt ta' interess, il-liġi tipprevedi l-ħatra ta' kustodju ġudizzjarju.

Fil-qrati ċivili tista' tiġi fformulata oppożizzjoni għal deċiżjonijiet amministrattivi li jirrigwardjaw il-protezzjoni tal-minuri.

Ġustizzja favur il-persuni minuri fi Spanja(606 Kb) (606 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 29/06/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

# Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Franza

## 1. Kapaċità legali tal-minuri

Skont il-liġi Franċiża, il-minuri taħt it-18-il sena mhumiex legalment kapaċi. Huma għandhom ikunu rrappreżentati mir-rappreżentanti legali tagħhom (normalment il-ġenituri tagħhom) meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Il-minuri jridu jkunu involuti fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwaw u huma rilevanti għalihom, skont l-età u l-livell ta' ġudizzju tagħhom.

## 2. Aċċess għal proċeduri xierqa

Il-persunal speċjalizzat, b'mod partikolari l-imħallfin speċjalizzati tal-qorti tat-tfal, huwa responsabbli għal każijiet li jinvolvu l-minuri. Il-Protezzjoni Legali taż-Żgħażagħ (*Protection judiciaire de la jeunesse*) u l-assoċjazzjonijiet awtorizzati jistgħu jintervjenu matul il-proċedimenti li jinvolvu minorenni.

Il-liġi tipprovdi li minuri jista' jidħol f'tilwima mal-ġenituri tiegħu. F'dan il-każ, individwu indipendenti jista' jinħatar bħala amministratur *ad hoc*

***F'materji kriminali***, il-minuri għandhom id-dritt li jikkonsultaw avukat mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni tal-ġenituri. L-għajnuna legali tingħata mingħajr ħlas. L-avukati jitqiesu bħala l-ewwel punt ta' aċċess għall-informazzjoni, u jkollhom rwol ta' appoġġ u ta' protezzjoni fir-rigward tal-minuri. Huma jistgħu jitolbu li sentenza tinżamm *in camera*, li minorenni jkun ippożizzjonat sabiex ma jarax l-akkużat, li kwalunkwe eżami mediku addizzjonali jiġi sostitwit minn rieżami tal-fajl u li ċerti atti investigattivi (eż. *'confrontation'*) ma jseħħux.

— **Fejn minorenni huwa konvenut jew parti fil-proċedura** u jinkiser xi wieħed mid-drittijiet tiegħi, il-proċedura jew detenzjoni tista' tiġi annullata. Il-minuri (ta' aktar minn għaxar snin) jistgħu jiġu detenuti taħt is-superviżjoni ta' professjonisti mħarrġa apposta f'bini riżervat għall-minorenni.

— **Meta minorenni jkun xhud** f'każ, l-imħallfin u l-uffiċjali tal-pulizija kriminali jridu jqisu l-vulnerabbiltà tagħhom. Minorenni taħt is-16-il sena ma għandhomx bżonn jieħdu ġurament.

— **Minorenni li huma vittmi jingħataw protezzjoni speċjali.** Barra minn hekk, jekk minorenni jkunu rikorrenti fi proċedura ċivili, huma jistgħu jitolbu danni għall-ħsara mġarrba. Jekk l-awtur tar-reat ħati mhuwiex solventi, il-vittma tista' tirċievi kumpens minn fond ta' garanzija (skont iċ-ċirkostanzi), il-Bord dwar il-Kumpens għal Korrimenti Kriminali (CIVI) u/jew is-Servizz ta' Assistenza għall-Irkupru f'każ ta' Kriminalità (SARVI).

***F'materji ċivili***, il-minorenni ġeneralment iridu jkunu rappreżentati mir-rappreżentant legali tagħhom. Jinħatar amministratur jekk ikun hemm kunflitt ta' interess bejn il-minuri u l-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri għandhom 15-il jum biex fihom jappellaw il-ħatra ta' amministratur.

F'ċerti sitwazzjonijiet, il-liġi tipprevedi espressament li l-minuri jistgħu jaġixxu f'isimhom stess (b'mod partikolari fir-rigward tal-minuri f'riskju fir-rigward tal-assistenza edukattiva, tar-rikorsi għal dikjarazzjoni ġuramentata sabiex tiġi stabbilita d-dixxendenza, tar-rikorsi għall-emanċipazzjoni u tar-rikorsi għall-istabbiliment tan-nazzjonalità ta' minuri barranin mhux akkumpanjati).

## 3. Liġijiet u miżuri biex jitnaqqsu l-limiti ta' żmien f'każijiet li jinvolvu l-minuri

F'***materji kriminali***, il-Prosekutur Pubbliku jista' jordna li l-minuri jikkomparixxi b'mod immedjat quddiem il-qorti tat-tfal, biex jiżgura li s-smigħ iseħħ f'perjodu ta' żmien ta' bejn għaxart'ijiem u xahrejn. Din il-proċedura hija possibbli biss jekk investigazzjoni dwar il-fatti ma tkunx aktar meħtieġa, fir-rigward ta' reati speċifiċi u skont l-età tal-minuri u l-piena mġarrba. Barra minn hekk, komparizzjoni aktar kmieni jippermetti lill-Prosekutur Pubbliku li jordna smigħ quddiem il-qorti tat-tfal f'perjodu ta' żmien ta' bejn xahar u tliet xhur.

***F'kawżi ċivili***, ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika biex jitħaffu l-proċeduri fl-ewwel istanza f'każijiet li jinvolvu l-minuri, iżda fejn jiġi ppreżentat appell minn deċiżjoni tal-qorti tat-tfal, il-liġi tipprovdi li l-kawża għandha tinstema' bħala kwistjoni ta' prijorità.

## 4. Mekkaniżmi u proċeduri speċifiċi għall-appoġġ tat-tfal u l-aħjar interessi tat-tfal

L-interessi tal-minorenni huma ta' importanza ċentrali fil-proċedimenti tal-qorti li jinvolvu t-tfal. Il-liġi ta' spiss tafferma mill-ġdid li l-imħallfin iridu jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-bażi tal-kriterji essenzjali għas-salvagwardja tal-interessi tat-tfal. Huma jridu jqisu s-sitwazzjoni familjari, soċjali u ekonomika tat-tfal u l-opinjonijiet espressi. Madankollu, ma hemmx protokolli jew linji gwida li fihom jiġu ddefiniti l-aħjar interessi tat-tfal.

F'***materji kriminali***, l-awtorità ġudizzjarja tiġi mgħarrfa mill-awtoritajiet reġjonali fejn kien hemm jew huwa preżunt li minuri kien vittma ta' trattament ħażin. Meta l-minorenni jkun safa vittma ta' abbuż sesswali, il-prosekutur pubbliku jrid jinforma minnufih lill-imħallef tal-qorti tat-tfal u jitlob assistenza flimkien mar-riabilitazzjoni.

L-obbligi li jirriżultaw mill-privileġġ professjonali ma japplikawx f'każijiet ta' abbuż jew privazzjoni tal-minorenni. Diversi reati kontra l-minuri għandhom termini perentorji itwal, li jibdew jiddekorru biss meta l-vittma tilħaq l-età maġġuri. Is-seduti ta' smigħ li jinvolvu persuna minorenni jridu jsiru f'sessjoni *in camera.* Il-pubblikazzjoni tal-kontenut tas-smigħ hija pprojbita.

***F'materji ċivili,*** l-imħallef tal-qorti tat-tfal huwa responsabbli mill-assistenza għar-riabilitazzjoni meta minorenni jkun f'riskju. Barra minn hekk, il-Kodiċi Ċivili jagħti setgħat wiesgħa lill-imħallfin tal-qorti tal-familja, li jridu jieħdu «ħsieb partikolari biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tat-tfal».

### 5. Infurzar ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-minuri

***F'materji kriminali***, il-ġenituri u l-avukat tal-minoreni huma involuti direttament fl-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura. Għadd ta' miżuri jistgħu jiġu ordnati mill-imħallef tal-qorti tat-tfal jew mill-imħallef tal-investigazzjoni matul il-fażi tal-investigazzjoni (għall-minuri ta' bejn l-għaxar snin u t-18-il sena: miżuri ta' kustodja, probation, kumpens u attivitajiet ta' matul il-jum; għal minuri tal-età ta' bejn it-13 u t-18-il sena: l-arrest preventiv, is-superviżjoni tal-qorti u s-sorveljanza residenzjali permezz ta' monitoraġġ elettroniku).

Il-Qorti tal-minuri tista' tordna r-ritorn ta' minuri ta' età ta' bejn l-għaxar u t-18-il sena għand il-familja tiegħu, kumpens, is-sospensjoni bi probation, attivitajiet ta' matul il-jum, miżuri ta' kustodja jew il-protezzjoni mill-qorti. Għal minuri li għandhom bejn it-13 u t-18-il sena, il-qorti tista' wkoll toħroġ inizjattiva jew twissija, tordna attivitajiet ta' kumpens, attività ta' matul il-jum (li tista', għal minuri ta' bejn is-16 u t-18-il sena, tikkonsisti f'servizz komunitarju), probation jew protezzjoni mill-qorti. Tista' tiġi imposta penali fuq **minuri ta' bejn l-għaxar snin u t-18-il sena**: projbizzjoni ta' dħul ta' ċerti postijiet, żjara lil ċerti persuni, kustodja u, bħala l-aħħar rimedju għal **minuri li għandhom aktar minn 13-il sena**, priġunerija (fit-taqsima tal-minuri ta' ċentru ta' detenzjoni proviżorja jew ċentru ta' detenzjoni għall-minorenni; iridu jkunu preżenti l-ħaddiema speċjalizzati fil-każ).

***F'materji ċivili***, id-deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, il-manteniment jew il-protezzjoni tal-minuri f'riskju huma infurzabbli immedjatament. Skont il-livell ta' deċiżjoni tal-minuri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-ġenituri jkollhom jinfurzaw is-sentenza. F'każ ta' kunflitt mal-ġenituri u f'każijiet fejn qorti ma tkunx diġà tat deċiżjoni dwar din il-kwistjoni (eż. bil-ħatra ta' tutur), l-amministratur ikun responsabbli għall-infurzar tal-miżuri fl-interess tal-minorenni.

### 6. Adozzjoni

L-adozzjoni tinvolvi diversi stadji: il-kisba ta' approvazzjoni, it-tqabbil u l-konnessjoni bejn il-minorenni u min jadotta u l-proċedura legali li toħloq ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied. Hemm żewġ tipi ta' adozzjoni fi Franza: adozzjoni sempliċi (żamma tar-relazzjoni oriġinali bejn il-ġenituri u t-tfal) u adozzjoni sħiħa (għal tfal taħt il-15-il sena biss; is-sostituzzjoni tar-relazzjoni oriġinali bejn il-ġenituri u t-tfal mal-ġenituri adottivi).

It-*Tribunal de Grande Instance* għandha ġuriżdizzjoni fiż-żewġ każijiet u l-adozzjoni tista' tiġi approvata biss jekk tkun fl-interess tal-minorenni. Minorenni li għandu iktar minn 13-il sena jrid jagħti l-kunsens għall-adozzjoni tiegħu.

Ġustizzja adattata għat-tfal fi Franza (749 Kb) fr

L-aħħar aġġornament: 31/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - il-Kroazja

**Il-kapaċità ġuridika tat-tfal**

Fil-Kroazja, it-tfal għandhom kapaċità ġuridika (il-kapaċità li jkollhom drittijiet u obbligi) u kapaċità ta' litigazzjoni (il-kapaċità li jkunu l-attur jew il-konvenut fi proċedimenti legali). It-tfal jiksbu l-kapaċità li jwettqu atti legali (il-kapaċità li jikkonkludu kuntratti u jipproduċu l-effetti legali li normalment jipproduċu mill-età ta' 18-il sena) biss jekk jiżżewġu, isiru ġenituri (minn 16-il sena 'il fuq), jew jidħlu f'kuntratti ta' impjieg (minn 15-il sena 'il fuq).

**Aċċess għal proċedimenti speċjali**

Il-partijiet ikkonċernati li ġejjin jistgħu jieħdu sehem fi **proċedimenti kriminali** li fihom ikunu involuti t-tfal:

l-Ombudsman għat-Tfal (*pravobranitelj za djecu*);

uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati fil-Ministeru tal-Intern, li tħarrġu biex jaħdmu mat-tfal vittmi ta' reat jew trażgressuri;

il-qrati taż-żgħażagħ u l-imħallfin fi proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal;

prosekuturi pubbliċi għaż-żgħażagħ fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku;

avukati speċjalizzati għall-proċedimenti li jinvolvu t-tfal, maħtura mill-president tal-qorti, kif meħtieġ, mil-lista tal-Kamra tal-Avukati Kroata (*Hrvatska odvjetnička komora*) (normalment bħala avukati difensuri);

ħaddiema soċjali li għandhom rwol ewlieni fi proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal;

kliniki u sptarijiet speċjalizzati għat-tfal;

bosta NGOs speċjalizzati, assistenti esperti mhux legali (fil-qrati tal-minorenni u fl-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku), voluntiera, eċċ.

Il-parteċipazzjoni tat-tfal u tal-minorenni (sal-età ta' 23 sena) fil-proċedimenti tal-qorti f'kawżi fejn ikunu wettqu reat kriminali hija rregolata mill-Att dwar il-Qrati tal-Minorenni (*Zakon o sudovima za mladež*).

Il-qrati muniċipali (*općinski sudovi*) imexxu proċedimenti ċivili, inklużi dawk li jinvolvu t-tfal, minħabba li ma twaqqfet l-ebda qorti speċjali biex tiddeċiedi esklużivament tilwim li jinvolvi tfal u minorenni. Il-qrati muniċipali huma kompetenti fil-prim'istanza mill-aġġudikazzjoni tal-kawżi ta' manteniment, l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' żwieġ, l-annullament ta' żwieġ u divorzju, l-istabbiliment jew il-kontestazzjoni tal-paternità jew tal-maternità, kif ukoll il-kustodja tat-tfal u l-kura tal-ġenituri.

Iċ-Ċentri għall-Kura Soċjali (*Centri za socijalnu skrb*) huma korpi pubbliċi li joperaw biex jipproteġu u jappoġġaw lit-tfal u li jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-qorti. Fil-proċedimenti tal-qorti ċ-Ċentri għall-Kura Soċjali jista' jkollhom l-istatus legali ta' parti jew jipparteċipaw bħala intervenjenti. Billi għandhom rwol sinifikanti fil-protezzjoni tat-tfal fil-proċedimenti ġudizzjarji, dawn iċ-Ċentri għandhom opportunitajiet differenti biex jiddefendu l-aħjar interessi tat-tfal.

L-Ombudsman għat-Tfal huwa awtorità indipendenti li twieġeb biss lill-Parlament bil-kompitu tal-protezzjoni, il-monitoraġġ u l-promozzjoni tad-drittijiet u l-interessi tat-tfal.

Ma twaqqfu l-ebda qrati jew istituzzjonijiet separati biex jittrattaw esklussivament id-drittijiet tat-tfal u tal-minorenni fi proċedimenti amministrattivi. Il-qrati amministrattivi (*upravni sudovi*) eżistenti għandhom kompetenza ġenerali biex isolvu tilwim amministrattiv, inkluż tilwim li jikkonċerna tfal/minorenni.

L-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fi proċedimenti kriminali li jinvolvu tfal jew minorenni bħala akkużati jew vittmi jridu jaġixxu b'urġenza biex itemmu xogħolhom mill-aktar fis possibbli. Skont l-Att dwar il-Qrati tal-Minorenni (*Zakon o sudovima za mladež*), il-proċedimenti kriminali kontra minorenni jew adulti żgħażagħ jew il-kawżi ta' protezzjoni legali tat-tfal huma urġenti u jridu jinfetħu mingħajr dewmien żejjed. Dan jgħodd ukoll għat-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti. Il-proċedimenti tal-qorti kontra delinkwenti minorenni, u l-investigazzjonijiet u l-proċeduri mill-pulizija u l-prosekuturi pubbliċi huma urġenti.

Id-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-pieni imposti fuq il-minorenni jrid ikun il-minimu, u hija l-qorti li trid tibda tali proċedimenti mingħajr dewmien żejjed wara li d-deċiżjoni tal-qorti tkun saret finali u meta ma jkun hemm l-ebda impediment legali għall-eżekuzzjoni tagħha.

Il-proċedimenti li d-drittijiet personali ta' minuri jridu jiġu deċiżi fihom huma urġenti u l-ewwel seduta għandha sseħħ fi żmien ħmistax-il jum minn dakinhar li jinfetħu l-proċedimenti. Deċiżjonijiet fi proċedimenti dwar miżuri interim, kustodja tal-ġenituri u relazzjoni personali ma' minuri, u deċiżjonijiet dwar ir-ritorn ta'

minuri, għandhom jingħataw u jiġu kkomunikati fi żmien tletin jum mid-data tal-ftuħ tal-proċedimenti. Il-qorti tat-tieni istanza trid tagħti u tikkomunika d-deċiżjoni fi żmien tletin jum minn dakinhar li jasal l-appell.

F'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Zakon o kaznenom postupku*), meta l-vittma tkun tfal jew minorenni, ikollhom id-dritt li jinstemgħu, li jixhdu u li jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali. Barra minn hekk, it-tfal jew il-minorenni huma intitolati li jiġu infurmati bil-fatti rilevanti, li jippreżentaw evidenza fir-rigward tar-reat kriminali u l-proċedimenti kriminali, u li jappellaw. Huma intitolati jistaqsu mistoqsijiet lill-persuni suspettati, lix-xhieda u lix-xhieda esperti matul is-sessjonijiet tal-qorti u jissottomettu l-kummenti u l-ispjegazzjonijiet tagħhom rigward dik it-testimonjanza.

Fil-prattika, l-ispeċjalisti involuti fi proċedimenti għall-protezzjoni tat-tfal jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri u jistgħu jipproponu miżura ta' protezzjoni tat-tfal lill-qorti. Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal hija bbażata fuq il-prinċipji u l-metodi ta' ħidma tal-ħaddiema soċjali, il-psikologi, l-għalliema u oħrajn.

Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal, qorti tista' taħtar rappreżentant speċjali għat-tfal f'każijiet fejn id-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri ma jkunx awtorizzat jirrappreżenta lill-minuri minħabba kunflitt ta' interess. Dan ir-rappreżentant ġeneralment ikun avukat b'esperjenza sinifikanti fi proċedimenti li jinvolvu t-tfal. Jistgħu jinħatru rappreżentanti speċjali f'ċerti proċedimenti ġudizzjarji dwar il-kustodja tat-tfal jew minorenni, id-divorzju u l-adozzjoni, kif ukoll kawżi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet personali u l-interessi tal-minuri.

Il-ħarsien tal-aħjar interessi tat-tfal huwa wieħed mill-prinċipji minquxa fil-Kostituzzjoni Kroata, li, fost l-oħrajn, tgħid li l-ġenituri għandhom jerfgħu r-responsabbiltà għat-trobbija, il-benessri u l-edukazzjoni ta' wliedhom u huma responsabbli biex jiżguraw li wliedhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal żvilupp personali sħiħ u armonjuż. Skont il-leġiżlazzjoni rilevanti, l-istat irid jieħu ħsieb b'mod speċjali tal-orfni u l-minorenni ttraskurati mill-ġenituri tagħhom u kulħadd għandu d-dmir li jipproteġi lit-tfal u li jinforma lill-awtoritajiet rilevanti bi kwalunkwe ħsara potenzjali kkawżata lilhom. Iż-żgħażagħ, l-ommijiet u l-persuni b' diżabbiltà huma intitolati jirċievu protezzjoni speċjali fuq ix-xogħol. Kulħadd għandu jkollu aċċess għall-edukazzjoni b'kundizzjonijiet ugwali. L-edukazzjoni obbligatorja hija mingħajr ħlas, f'konformità mal-liġi.

### Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-proċedimenti li jinvolvu t-tfal

Il-Kroazja adottat l-Att dwar l-Eżekuzzjoni tal-Pieni Imposti fuq Minorenni Kkundannati ta' Delitti u Reati (*Zakon o izvršavanju sankcija izrečenih maloljetnicima za kaznena djela i prekršaje*).

L-għan ta' dak l-Att huwa li jistabbilixxi:

il-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' pieni imposti fuq tfal/minorenni fi proċedimenti kriminali għal delitti mwettqa, speċjalment miżuri korrettivi, detenzjoni f' ċentru sigur għaż-żgħażagħ, u miżuri ta' sigurtà; u

l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' pieni għal kontravvenzjonijiet imwettqa minn tfal/minorenni.

Ir-rappreżentanti taċ-Ċentru kompetenti għall-Kura Soċjali għandhom rwol sinifikanti fl-iżgurar li t-tfal/minorenni li wettqu reat jiġu ttrattati kif xieraq.

Iċ-Ċentru għall-Kura Soċjali huwa responsabbli wkoll biex iħarrek lit-tfal u jirreferihom għal kwalunkwe miżura korrettiva u biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni u appoġġ meħtieġ. L-għan tal-miżuri korrettivi huwa li jagħtu protezzjoni, indukrar, għajnuna, superviżjoni u edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali lid-delinkwenti minorenni, u b'hekk jinfluwenzaw it-trobbija u l-iżvilupp tal-personalità kumplessiva tagħhom u jtejbu s-sens ta' responsabbiltà tagħhom sabiex ma jerġgħux jiksru l-liġi.

It-tipi ta' miżuri korrettivi huma: twiddiba tal-qorti, obbligi speċjali (bħal skuża lill-parti leża; rimedju għad-dannu kkawżat mir-reat kriminali sa fejn ikun possibbli għall-minuri; l-attendenza regolari ta' skola; li ma jintilifx ix-xogħol; l-attendenza għal taħriġ għal okkupazzjoni xierqa għall-ħiliet u l-preferenzi tagħhom; l-aċċettazzjoni ta' impjieg u li jippersistu fih; l-użu tal-introjtu tagħhom taħt is-superviżjoni u bil-parir tal-ġestjonarju tal-miżura korrettiva; l-involviment fil-ħidma ta' organizzazzjonijiet umanitarji jew attivitajiet ta' protezzjoni ambjentali jew lokali; li joqogħdu lura milli jżuru ċerti postijiet, milli jattendu ċerti avvenimenti jew milli jkunu fil-kumpanija ta' ċerti individwi li jkunu influwenza ħażina għalihom; bi qbil mar-rappreżentant legali tal-minuri, li jsegwu trattament mediku jew trattament għal dipendenza fuq id-droga jew dipendenzi oħrajn; il-parteċipazzjoni f'terapija psikosoċjali individwali jew fi grupp f'ċentru ta' konsulenza għaż-żgħażagħ; il-parteċipazzjoni f'korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali; li ma jitilqux il-post ta' residenza permanenti jew temporanja tagħhom għal perjodu ta' żmien estiż mingħajr l-approvazzjoni taċ-Ċentru għall-Kura Soċjali; riferiment liċ-ċentru tal-ittestjar tas-sewqan kompetenti għal eżami tal-għarfien tar-regolamenti tat-traffiku, biex il-vittma ma tiġix avviċinata jew tingħata fastidju), iżjed attenzjoni u superviżjoni, iżjed attenzjoni u superviżjoni waqt il-kura ta' matul il-jum f'istituzzjoni korrettiva, riferiment lil ċentru dixxiplinari, riferiment lil istituzzjoni korrettiva, riferiment lil ċentru ta' detenzjoni, riferiment lil istituzzjoni korrettiva speċjali.

Il-kustodja f'ċentru sigur għaż-żgħażagħ hija tip speċifiku ta' ċaħda tal-libertà f'termini tal-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati biex tiġi imposta, it-tul u l-iskop tagħha, u r-restrizzjonijiet tal-piena. Trażgressuri tfal akbar fl-età (minorenni li kellhom mill-inqas 16-il sena iżda ma kellhomx 18-il sena meta twettaq ir-reat) jistgħu jingħataw sentenza ta' kustodja f'ċentru sigur għaż-żgħażagħ jekk ikunu wettqu reat soġġett għal sanzjoni statutorja ta' mill-inqas tliet snin priġunerija u, minħabba n-natura u s-serjetà tar-reat u l-livell għoli ta' ħtija, miżura korrettiva ma tistax tiġi ġġustifikata.

Tfal jew minorenni li m'għandhomx kapaċità legali jiġu rrappreżentati mir-rappreżentanti legali tagħhom, li jipprovdulhom informazzjoni dwar deċiżjonijiet tal-qorti u l-eżekuzzjoni tal-pieni.

Matul il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, il-qrati għandhom is-setgħa li jordnaw miżuri protettivi biex jipproteġu lit-tfal jew lill-minorenni milli ssirilhom ħsara bla bżonn wara li jkunu twettqu proċedimenti ekstraġudizzjarji. Dawn il-miżuri protettivi huma: limitazzjoni ta' kuntatt mhux xieraq jew kuntatt limitat ma' ġenitur, nannu jew nanna, ħuhom jew oħthom (inkluż jekk minn ġenitur wieħed biss), jew mal-konjuġi tal-minuri.

### Aċċess għar-rimedji

#### a) Proċedimenti kriminali

Kulħadd għandu d-dritt li jappella kontra sentenza tal-qorti kompetenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Meta t-tfal jew il-minuri jkunu vittmi ta' reat kriminali, huma — bħall-prosekutur pubbliku, l-akkużat u l-avukat tad-difiża — huma intitolati li jappellaw kontra s-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza. Il-parti leża tista' tappella kontra s-sentenza abbażi tad-deċiżjoni tal-qorti rigward l-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali jew it-talba għal kumpens. Madankollu, jekk il-prosekutur pubbliku jkun assuma r-responsabbiltà għall-prosekuzzjoni mingħand il-parti leża fejn jaġixxi bħala prosekutur privat, dan tal-aħħar jista' jappella fuq kwalunkwe bażi li tista' tiġi kkontestata deċiżjoni fuqha.

Il-persuni kollha intitolati li jappellaw kontra deċiżjoni li timponi sentenza fuq minuri, deċiżjoni li timponi miżura korrettiva kontra minuri, jew deċiżjoni li tissospendi l-proċedimenti, jistgħu jagħmlu hekk fi żmien tmint ijiem minn meta tiġi kkomunikata s-sentenza jew id-deċiżjoni. L-avukat tad-difiża jew il-prosekutur pubbliku, il-konjuġi, qarib fil-linja dritta, ġenitur adottiv, tutur, ħu l-minuri, oħt il-minuri jew il-ġenitur tal-fostering jistgħu jappellaw favur il-minuri anki kontra r-rieda tiegħu. Il-qorti tat-tieni istanza tista' tbiddel id-deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza billi timponi piena aktar stretta kontra l-minuri biss f'każ li dan ikun propost fl-appell.

#### b) Proċedimenti ċivili

It-tfal u l-minorenni involuti fi proċedimenti ġudizzjarji għandhom id-dritt iressqu denunzja, appell jew azzjoni skont ir-regoli ġenerali stabbiliti fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) u l-Att dwar l-Obbligi Ċivili (*Zakon o obveznim odnosima*).

Peress li, b'mod ġenerali, it-tfal u l-minuri ma għandhomx kapaċità legali, il-ġenituri jew it-tuturi tagħhom iwettqu azzjonijiet speċifiċi f'isimhom bħala r-rappreżentanti legali tagħhom. Ir-rappreżentant legali tal-minuri huwa intitolat jieħu l-azzjonijiet proċedurali kollha f'isem il-minuri, inkluż il-preżentazzjoni ta' appell. Jista' jiġi ppreżentat appell kontra sentenzi maħruġa mill-qrati tal-ewwel istanza, u appell jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti rilevanti.

Appell jista' jiġi ppreżentat minħabba ksur materjali tad-dispożizzjonijiet dwar il-proċedimenti ċivili, konstatazzjoni inkorretta jew inkompluta tal-fatti u applikazzjoni ħażina tal-liġi sostantiva. Iż-żmien biex jitressaq appell kontra s-sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza normalment ikun ta' 15-il jum mid-data tal-komunikazzjoni tas-sentenza.

**L-adozzjoni**

L-Att dwar il-Familja (*Obiteljski zakon*) jirregola l-adozzjoni bħala forma speċjali ta' kura tal-familja u legali u l-protezzjoni tat-tfal li ma jkollhomx kura adegwata tal-ġenituri, li joħloq relazzjoni dejjiema bejn il-ġenituri u t-tfal u jagħti l-awtorità tal-ġenituri lill-ġenituri adottivi. Il-ġenituri adottivi jridu jkunu ċittadini Kroati (f'każijiet eċċezzjonali jistgħu jkunu ċittadini barranin jekk dan ikun fl-interess partikolari tat-tfal), ikollhom mill-inqas 21 sena, u tal-inqas 18-il sena akbar mit-tfal adottati. Minuri jista' jiġi adottat b'mod konġunt minn koppji miżżewġin jew koppji mhux miżżewġin, minn wieħed mill-miżżewġin/membru ta' koppja mhux miżżewġa jekk il-konjuġi l-ieħor/membru l-ieħor tal-koppja mhux miżżewġa ikun il-ġenitur jew il-ġenitur adottiv l-ieħor, bil-kunsens tal-konjuġi l-ieħor/tal-membru l-ieħor tal-koppja mhux miżżewġa, jew li tkun fi sħubija oħra.

L-adozzjoni tista' tiġi stabbilita sakemm it-tfal jagħlqu tmintax-il sena, u t-tfal jistgħu jiġu adottati jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti legali għall-adozzjoni u jekk l-adozzjoni tkun fl-interess tal-benessri tagħhom. Tfal li jkunu laħqu l-età ta' 12-il sena jridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-adozzjoni bil-miktub.

Il-proċedura tal-adozzjoni titwettaq miċ-Ċentru tal-Kura Soċjali tal-post tar-residenza permanenti jew temporanja tal-persuni adottivi prospettivi.

Jekk il-ġenitur adottiv jew il-minuri jkun barrani, l-adozzjoni tista' tiġi stabbilita biss bil-kunsens minn qabel tal-ministeru responsabbli għall-benessri soċjali.

L-aħħar aġġornament: 19/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Ċipru

### 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

F'Ċipru, l-età minima ta' responsabbiltà kriminali hija ta' 14-il sena. Għall-kwistjonijiet kollha, l-età minima biex attur jiftaħ kawża quddiem il-qorti f'ismu stess hija ta' 18-il sena.

### 2. Aċċess għal proċedimenti adattati

#### 2.1. Il-ġustizzja kriminali

B'mod ġenerali, persuna minuri ma għandha l-ebda kapaċità ġuridika li tressaq persuna oħra l-qorti u, b'hekk, tista' biss tagħmel rikors permezz tal-ġenituri /kustodju tagħha.

Fil-każ tal-Qrati, il-kawżi kriminali fejn il-vittma tkun persuna minuri fil-preżent qegħdin jiġu ttrattati mill-qrati kriminali ordinarji. Madankollu, jeżistu Liġijiet speċifiċi b'dispożizzjonijiet speċjalizzati sensittivi għat-tfal għall-protezzjoni ta' vittmi/xhieda minuri.

#### 2.2. Il-ġustizzja ċivili

Ma teżisti l-ebda istituzzjoni speċjalizzata li tittratta l-persuni minuri fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili.

#### 2.3. Il-ġustizzja amministrattiva

Is-Servizzi ta' Protezzjoni Soċjali tal-Ministeru tax-Xogħol, il-Protezzjoni Soċjali u l-Assigurazzjoni Soċjali jipprovdu servizzi għall-protezzjoni u l-appoġġ tal-minuri matul il-proċess ġudizzjarju. Is-servizzi kollha pprovduti u l-politiki implimentati mis-Servizzi tal-Protezzjoni Soċjali għandhom bħala kunsiderazzjoni primarja l-aħjar interessi tal-minuri.

#### 2.4. Il-miżuri legali u ta' politika fis-seħħ sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri

Ma hemm l-ebda limitu ta' żmien li jikkonċerna meta jridu jinbdew jew jiġu tterminati l-proċedimenti ġudizzjarji ċivili, irrispettivament minn jekk tkunx involuta persuna minuri jew persuna adulta.

F'kawżi ċivili ordinarji, il-Qrati jipprovaw jipprijoritizzaw il-kawżi li jinvolvu persuni minuri sa fejn ikun possibbli, filwaqt li jitqies l-ammont kbir ħafna ta' kawżi. Kwalunkwe ordni interim mitluba tiġi ttrattata mingħajr dewmien żejjed.

#### 2.5 Mekkaniżmi speċifiċi ta' manteniment għat-tfal

Fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji ċivili, ma hemm l-ebda arranġament fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-bini tal-qorti jkun addattat għall-minuri u ma jiġi offrut l-ebda appoġġ psikoloġiku jew appoġġ ieħor, sakemm ma tinstabx ħtieġa partikolari għal tali appoġġ.

Ma hemm l-ebda regolament li jesiġi li s-sessjonijiet tal-qorti jiġu adattati għall-pass u t-tul tal-attenzjoni tat-tfal. Jekk ikun hemm xi immaġini jew materjal ieħor li jridu jiġu ppreżentati fil-qorti li jistgħu jitqiesu bħala ta' ħsara għall-persuna minuri, l-imħallef jista' jordna li l-persuna minuri tinħareġ mill-awla. L-unika miżura protettiva għall-proċedimenti ċivili hija t-twettiq tal-proċess bil-magħluq.

### 3. Aspetti multidixxiplinarji

F'kawżi ta' vjolenza fil-familja, is-Servizzi ta' Protezzjoni Soċjali jikkooperaw mas-servizzi rilevanti l-oħrajn kollha abbażi ta' manwal ta' rikavati interdipartimentali, kif approvat mill-Kunsill tal-Ministri fl-2002. F'kawżi ta' abbuż sesswali fil-konfront ta' minuri, is-Servizzi ta' Protezzjoni Soċjali jikkooperaw mas-servizzi rilevanti l-oħrajn li jistabbilixxu approċċ multidixxiplinarju.

### 4. Taħriġ tal-professjonisti

L-Akkademja tal-Pulizija ta' Ċipru, li hija l-istituzzjoni edukattiva tal-Pulizija ta' Ċipru, tipprovdi lekċers dwar l-immaniġġjar ta' kawżi relatati mal-minorenni, fil-livelli kollha tat-taħriġ tal-Pulizija. Dawn il-lekċers, li għandhom l-għan li jedukaw lill-uffiċjali tal-pulizija ta' kull grad, jiġu offruti fil-Programm ta' taħriġ bażiku għar-reklutaġġ ta' Uffiċjali tal-Pulizija, f'korsijiet avvanzati kif ukoll f'korsijiet speċjalizzati.

L-Uffiċjali tas-Servizzi Soċjali jirċievu taħriġ inizjali kif ukoll taħriġ kontinwu dwar kwistjonijiet relatati mal-minuri, jiġifieri intervista ma' persuna minuri, l-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu minuri, eċċ.

Fir-rigward tal-imħallfin fil-qrati ċivili u kriminali ordinarji, ma hemm l-ebda rekwiżit ta' taħriġ li jappartjeni għat-trattament tal-minuri matul il-proċedimenti fil-qrati. L-imħallfin ġeneralment jattendu seminars ta' taħriġ u konferenzi f'Ċipru u barra mill-pajjiż kif u meta jiġu organizzati.

### 5. L-aħjar interessi tal-minuri

F'kawżi fejn il-qorti jkollha bżonn tieħu deċiżjoni dwar l-aħjar interessi tal-minuri, il-qorti tista' tqis rapport imħejji mis-Servizzi ta' Protezzjoni Soċjali, li jkun fih mhux biss l-osservazzjonijiet magħmula mill-Uffiċjal għas-Servizzi Soċjali, iżda wkoll il-fehmiet tal-minuri.

### 6. Il-monitoraġġ tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Il-Liġi dwar it-Trażgressuri Minorenni mistennija tiġi riveduta b'mod komprensiv bl-għan li jiġu żgurati b'mod aktar speċifiku l-proċeduri favur it-tfal u ż-żgħażagħ. Dan se jtejjeb u jsaħħaħ il-proċedimenti li jinvolvu persuni minuri, għall-aħjar interessi tal-minuri.

### 7. Aċċess għar-rimedji

Persuna minuri tista' tikseb aċċess għal kwalunkwe kawża, appell legali jew stħarriġ ġudizzjarju skont il-proċeduri normali, permezz tal-ġenituri, il-kustodju legali jew ir-rappreżentant legali tagħha.

Fir-rigward tat-talbiet għal danni/kumpens matul jew wara proċedimenti kriminali li fihom il-persuna minuri kienet vittma, jekk issir talba ċivili ordinarja għal danni/kumpens, din trid issir f'isem il-persuna minuri mill-ġenitur jew il-kustodju legali tagħha. Fir-rigward tal-ordnijiet għal kumpens tal-vittmi fi ħdan il-proċedimenti kriminali attwali, il-qrati kriminali ordinarji għandhom setgħat limitati.
F'każ ta' kunflitti ta' interess bejn il-persuna minuri u l-ġenituri/kustodji tagħha, is-Servizz ta' Protezzjoni Soċjali jista' jieħu l-persuna minuri taħt il-kustodja tad-Direttur tas-Servizzi ta' Protezzjoni Soċjali, li huwa l-kustodju tal-minuri u li jitqies bħala meħtieġ biex jiġi assenjat rappreżentant legali għall-minuri.

**8. Il-ħajja tal-familja**

Fir-Repubblika ta' Ċipru jeżistu tipi differenti ta' adozzjoni:
Adozzjonijiet nazzjonali
Adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor
L-adozzjoni ta' wild minuri ta' konjuġi minn żwieġ preċedenti.
Fil-każijiet kollha ta' adozzjoni, l-aħjar interessi tal-minuri jitqiesu bħala l-akbar kunsiderazzjoni, abbażi tal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Ġustizzja favur il-persuni minuri f'Ċipru (572 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 11/04/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Lussemburgu

**1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri**

Fil-Lussemburgu, l-età minima biex attur ikun jista' jiftaħ kawża l-qorti f'ismu stess hija ta' 18-il sena għall-oqsma kollha tal-liġi. Teżisti eċċezzjoni għall-minuri emanċipati li jistgħu jippreżentaw ilment f'isimhom stess.
Fil-Lussemburgu, teżisti sistema ġudizzjarja speċjalizzata li tittratta r-reati mwettqa minn tfal taħt l-età minima tar-responsabbiltà kriminali (MACR), li fil-Lussemburgu hija 18-il sena. Dan ifisser li minuri taħt it-18-il sena ma jwettaqx "reati" skont il-liġi Lussemburgiża; minflok, iwettaq "atti kkwalifikati bħala reati", li għalihom hemm ġuriżdizzjoni speċjalizzata, il-Qorti tal-Minorenni (*Tribunal de la jeunesse*), li hija responsabbli għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' kustodja, protezzjoni u/jew edukazzjoni.

**2. Aċċess għal proċedimenti adattati**

Ħlief għal ċerti materji li jirrigwardjaw il-protezzjoni tal-minuri u l-familja, il-kawżi tad-dritt ċivili jinstemgħu quddiem il-qrati ċivili. Ma hemmx qrati speċjali tal-familja u taż-żgħażagħ fil-qasam tal-ġustizzja amministrattiva. Huma biss id-deċiżjonijiet dwar l-ażil u l-migrazzjoni li jiġu mistħarrġa mill-qrati amministrattivi.
Il-Qorti tal-Minorenni hija l-ġuriżdizzjoni speċjalizzata li tittratta ma' minuri suspettati u trażgressuri, kif ukoll li tordna miżuri ta' protezzjoni għal tfal li jeħtieġu assistenza u protezzjoni. Il-Qorti tal-Minorenni tadotta miżuri ta' edukazzjoni u protezzjoni. Il-minuri suspettati/trażgressuri ma jitqisux bħala trażgressuri iżda bħala tfal li jeħtieġu protezzjoni u għajnuna. Konsegwentement, id-dritt kriminali ma japplikax bħala tali għat-tfal.
It-taqsima dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażagħ tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku hija responabbli b'mod ġenerali għal dak kollu li jaffettwa lit-tfal u lill-familji tagħhom. Meta minuri vittmi jkunu involuti fi proċedimenti ġudizzjarji, il-prosekuturi jaħdmu mill-qrib mat-taqsima dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażagħ tal-pulizija ġudizzjarja.
Fil-Lussemburgu, il-Qorti tal-Minorenni hija l-ġurisdizzjoni speċjalizzata li tittratta ma' kawżi tal-protezzjoni ta' minuri. Il-Qrati tal-Minorenni jaħdmu mal-imħallfin speċjalizzati li huma responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ. L-imħallfin tal-familja għandhom ġuriżdizzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-awtorità tal-ġenituri. Jikkontrollaw ukoll il-ħidma tar-rappreżentanti jew kustodji legali. F'din il-kariga, l-imħallfin tal-familja jistgħu jitolbu kjarifika mir-rappreżentanti u l-kustodji legali tal-minuri, kif ukoll mill-minuri nnifsu.

**3. Miżuri legali u ta' politika fis-seħħ sabiex jiġi mħaffef l-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu t-tfal**

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika sabiex jiġi żgurat li l-proċedimenti ġudizzjarji ċivili li jinvolvu t-tfal jiġu mħaffa kif xieraq. F'termini ta' skadenzi proċedurali, japplikaw ir-regoli ġenerali (applikabbli għall-adulti). Dawn ir-regoli jvarjaw skont il-qorti li tisma' l-kawża.

**4. Mekkaniżmi u proċeduri speċifiċi ta' appoġġ għat-tfal u l-aħjar interessi tal-minuri**

Kulħadd, kemm l-adulti kif ukoll it-tfal, jista' jitlob informazzjoni legali mingħajr ħlas mis-Servizz ta' Akkoljenza u ta' Informazzjoni Ġudizzjarja (*Service d'accueil et d'information juridique*)
Dan is-servizz jista' jipprovdi appoġġ lill-minuri biex jikseb aċċess għal rimedji legali. Il-minuri jista' jiġi assistit ukoll minn avukat.
It-tifsira tat-terminu "l-aħjar interessi" mhijiex definita fil-leġiżlazzjoni applikabbli.
Il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-minuri taqa' fil-kompetenza tal-imħallfin. L-imħallfin jistgħu jqisu diversi fatturi meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-minuri, inkluż, pereżempju, il-benessri tal-minuri, fatturi soċjali, eċċ. Minkejja r-rekwiżit legali fis-seħħ, il-qorti tista' tqis il-fehmiet tal-minuri meta tiddetermina filwaqt l-aħjar interessi tiegħu. Il-minuri jista' jesprimi l-fehmiet tiegħu meta jkun qed jinstema' f'materji ċivili, pereżempju fir-rigward tal-awtorità tal-ġenituri.
Il-qrati kollha jikkonformaw ma' strumenti legali internazzjonali *bħall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tal-Minuri*, u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**5. Monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu t-tfal**

It-tfal ma jistgħux ifittxu l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti f'isimhom stess. Ir-rappreżentant legali tagħhom jeżerċita dan id-dritt f'isimhom.
Meta tkun inħarġet deċiżjoni kontra konvenut minuri, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni trid isseħħ kontra l-assi separati tal-minuri. Il-konvenuti minuri li ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom li joħorġu mid-deċiżjoni tal-qorti, ma jistgħux ikunu soġġetti għall-miżura koerċittiva ta' detenzjoni.
F'kawżi ta' protezzjoni ta' minuri, il-minuri rrappreżentat minn avukat jista' jfittex l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti f'ismu stess.

**6. Aċċess għar-rimedji**

Minuri li jixtieq jippreżenta lment, appell legali jew stħarriġ ġudizzjarju quddiem qorti ordinarja jrid ikun irrappreżentat mir-rappreżentant legali tiegħu. Issir eċċezzjoni għal minuri emanċipati, li jistgħu jippreżentaw ilment huma stess.
Billi r-rappreżentant legali tal-minuri jirrappreżenta lill-minuri u jaġixxi f'ismu, huwa jista' jagħmel sottomissjonijiet jew appelli mingħajr il-kunsens tal-minuri. Il-qorti tista' taħtar amministratur *ad hoc* jekk ikun hemm kunflitt ta' interess bejn il-ġenituri u l-minuri.
Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Minorenni jistgħu jiġu wkoll appellati mill-minuri bl-appoġġ ta' avukat.

**7. Aġenziji inkarigati mill-appoġġ tal-minuri:**

*Office national de l'enfance* (ONE)
Servizz soċjali (SCAS) – *Service de la protection de la jeunesse* (SPJ):
*Ombudsman fir Kanner a Jugendlecher* (OKaju)

**8. Adozzjoni**

Fil-Lussemburgu, l-adozzjoni hija miftuħa għar-residenti kollha tal-Lussemburgu, kemm jekk ikunu ċittadini nazzjonali kif ukoll jekk le, kif ukoll għal dawk li mhumiex residenti u li jixtiequ jadottaw individwu residenti l-Lussemburgu.

Ir-rekwiżiti għall-adozzjoni huma rregolati mil-liġi nazzjonali tal-ġenitur(i) adottiv(i).

Fil-każ ta' adozzjoni minn koppja miżżewġa li ma għandhomx l-istess nazzjonalità jew li huma apolidi, tapplika l-liġi tar-residenza abitwali komuni tagħhom fil-mument tat-talba.

Għall-persuni adottati, tapplika l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom, sakemm l-adozzjoni ppjanata ma tagħtihomx in-nazzjonalità ta' min jadottahom.

Jekk ikun hemm regoli dwar il-ġuriżdizzjoni konfliġġenti, tapplika l-liġi tal-pajjiż fejn l-adozzjoni tiġi konkluża b'mod validu.

Kwalunkwe persuna li tixtieq tadotta minuri trid l-ewwel tikkuntattja lill-Ministeru għall-Edukazzjoni Nazzjonali, it-Tfulija u ż-Żgħażagħ (*Ministère de l'éducation nationale, de l'enfance et de la jeunesse* – MENJE) sabiex tressaq talba għall-adozzjoni. Il-"kors preparatorju għall-adozzjoni" jiġi qabel il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-applikanti biex jadottaw.

Iċ-Ċentru tal-Adozzjoni (*Maison de l'Adoption*) huwa servizz ta' konsulenza għal persuni affettwati bl-adozzjoni (ġenituri adottivi prospettivi, persuni adottati, familji adottivi, professjonisti involuti fl-adozzjonijiet).

Dan jipprovdi appoġġ kemm matul kif ukoll wara l-proċedura tal-adozzjoni permezz ta' konsultazzjonijiet personalizzati.

Il-proċedura tal-adozzjoni fil-Lussemburgu tinvolvi diversi stadji.

Ħolqa għal-leġiżlazzjoni

Child-friendly justice in Luxembourg (in English and French) (989 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 10/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Malta

Hemm diversi definizzjonijiet ta' xi tqis il-liġi bħala "persuna minuri" (il-kapaċità ġuridika tal-minuri) fil-qafas ġuridiku Malti kollu.

### 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

F'Malta, l-età minima tar-responsabbiltà kriminali hija ta' 14-il sena. Għall-kwistjonijiet kollha, l-età minima biex attur jista' jiftaħ kawża quddiem il-qorti f'ismu stess hija ta' 18-il sena.

### 2. Aċċess għal proċedimenti adattati

B'referenza għat-trażgressuri minorenni, il-qorti speċjalizzata li tittratta ma' minuri fil-Qasam Kriminali hija l-Qorti tal-Minorenni. Fir-rigward ta' vittmi minuri, dawn jinstemgħu permezz ta' links bil-vidjo. Proċedimenti Ċivili: Il-minuri taħt l-età ta' tmintax-il sena ma jistgħux iħarrku lil ħaddieħor jew jiġu mħarrkin, ħlief permezz ta' ġenitur, tutur, kuratur jew kustodju. Madankollu, f'kawżi tal-qorti li jittrattaw separazzjoni jew divorzju personali, matul il-proċedimenti, il-qorti għandha dejjem tqis l-aħjar interess tal-minuri. Dawn li ġejjin huma proċedimenti ġudizzjarji amministrattivi li jinvolvu persuni minuri: il-protezzjoni ta' minuri, l-adozzjonijiet, il-fostering, l-applikanti għall-ażil mhux akkumpanjati u l-persuni minuri fi proċedimenti tal-ażil.

### 3. Il-miżuri legali u ta' politika sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri

Il-miżuri legali u ta' politika fis-seħħ sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi: kawżi kriminali: persuna minuri bħala vittma u persuna minuri bħala trażgressur, f'kawżi ċivili u f'kawżi tal-familja jiġi kkunsidrat l-aħjar interess tal-minuri. Fir-rigward tal-kawżi amministrattivi li jikkonċernaw minuri, meta jinħarġu ordnijiet għall-ħarsien, dawn jitressqu quddiem il-Qorti tal-Minorenni, li hija qorti speċjalizzata.

### 4. Il-mekkaniżmi u l-proċeduri speċifiċi ta' manteniment għat-tfal u l-aħjar interessi tal-minuri

Ma teżisti l-ebda regola ġenerali fil-liġi Maltija li tispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom persuna minuri vulnerabbli għandha tinstema' matul il-proċedimenti kriminali jew amministrattivi differenti kollha li jeżistu. Hemm liġijiet li jinsabu fi status u proċeduri differenti applikati mill-korpi ġudizzjarji jew kważiġudizzjarji li jagħmlu l-proċedimenti amministrattivi u kriminali rispettivi konformi mal-Artikolu 12 tal-UNCRC. F'Malta, kull persuna minuri tista' tagħti x-xhieda tagħha; madankollu, huwa essenzjali li l-qorti tkun sodisfatta li x-xhud minuri jifhem li huwa ħażin li tingħata xhieda falza.

### 5. Il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri jiddependu fuq it-tip ta' kawża, skont il-Liġi Maltija, wieħed isib il-liġi kriminali li ġejja: l-għoti ta' sentenza, ordnijiet għall-ħarsien, ordnijiet ta' probation u parole. Fir-rigward tal-proċedimenti ċivili, id-deċiżjonijiet li jinvolvu persuni minuri bħala atturi jew konvenuti jiġu eżegwiti bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet li jinvolvu persuni adulti bħala atturi jew konvenuti. B'referenza għall-proċedimenti amministrattivi skont il-Liġi Maltija, il-persuni minuri ma jistgħux iħarrku lil ħaddieħor jew jiġu mħarrkin, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jeżerċita awtorità tal-ġenituri, jew, fin-nuqqas ta' tali ġenitur, ta' tutur jew kuratur. Il-kawżi ta' protezzjoni ta' minuri jistgħu jinbdew mid-dipartiment legali tal-Aġenzija Appoġġ jew minn avukat privat.

### 6. Aċċess għar-rimedji

Skont il-Liġi Maltija, fil-proċedimenti kriminali ma hemm l-ebda dritt speċifiku għall-vittmi minuri. Dan id-dritt joħroġ mil-liġi nnifisha u japplika għall-vittmi kollha, kemm jekk ikunu minuri kif ukoll jekk adulti. Fir-rigward tal-proċedimenti ċivili/amministrattivi, persuna minuri tista' tikseb aċċess għal kwalunkwe ilment, appell legali jew mekkaniżmu ta' stħarriġ ġudizzjarju permezz ta' ġenitur, tutur, kuratur jew kustodju. Matul il-proċedimenti kontenzjużi bejn id-detenturi tad-drittijiet tal-ġenituri quddiem il-Qorti tal-Familja, jista' jinħatar avukat tal-minuri biex jirrappreżenta l-interess tal-minuri.

### 7. Adozzjoni

Il-proċedura tal-adozzjoni f'Malta tinvolvi diversi stadji.

Ġustizzja favur il-persuni minuri f'Malta (366 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 31/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Finlandja

### 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

Fil-Finlandja, l-età minima tar-responsabbiltà kriminali hija ta' 15-il sena.

Fi kwistjonijiet oħrajn, l-età minima biex tiftaħ kawża quddiem il-qorti tvarja bejn 12-il sena (kwistjonijiet ta' saħħa, tqegħid f'kustodja), 15-il sena (impjiegi, ażil, kwistjonijiet ta' migrazzjoni, kwistjonijiet ta' edukazzjoni, sanzjonijiet amministrattivi) u 18-il sena (kwistjonijiet ta' familja).

### 2. Aċċess għal proċedimenti adattati

Sa fejn ikun possibbli, l-investigazzjonijiet immirati lejn il-minuri jiġu assenjati lill-uffiċjali tal-pulizija b'taħriġ jew b'esperjenza f'dan il-kompitu. Dipartimenti tal-pulizija akbar għandhom unitajiet jew uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati fl-investigazzjoni ta' reati kontra minuri. Bħala regola, fid-dipartimenti kollha tal-pulizija, l-investigazzjoni tar-reati kontra minuri tiġi mgħoddija lill-investigaturi li għandhom ħila professjonali u kompetenza partikolari fl-investigazzjoni ta' dan it-tip ta' reati.

Is-Servizz tal-Prosekuzzjoni għandu sistema ta' prosekuturi speċjali maħsuba biex tkun garantita kompetenza f'qasam ta' speċjalizzazzjoni u biex jinżammu u jiġu żviluppati l-ħiliet professjonali tal-prosekuturi. Hemm grupp ta' prosekuturi speċjali li huma speċjalizzati fil-vjolenza kontra t-tfal u n-nisa. Huma jħarrġu prosekuturi oħrajn fil-qasam tal-kompetenza tagħhom.

Sa fejn ikun possibbli, l-investigazzjonijiet immirati lejn il-minuri jiġu assenjati lil uffiċjali b'taħriġ jew b'esperjenza f'dan il-kompitu.

L-Ombudsman għat-Tfal jippromwovi l-interess tat-tfal u l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fuq livell ġenerali, iżda ma jittrattax każijiet individwali.

**3. Mekkaniżmi u proċeduri speċifiċi ta' manteniment għat-tfal**

Sa mill-bidu tal-2016, reġistrazzjoni bil-vidjo ta' vittma ta' bejn il-15 u s-17-il sena saret tista' tintuża wkoll bħala evidenza fil-qorti f'każijiet fejn il-vittma tkun teħtieġ protezzjoni speċjali.

Skont l-Att dwar l-Investigazzjonijiet Kriminali, l-awtorità tal-investigazzjoni kriminali għandha, meta jkun meħtieġ, tikkonsulta ma' tabib jew ma' espert ieħor dwar jekk il-miżuri tal-investigazzjoni jistgħux ikunu diretti lejn persuna taħt l-età ta' 18-il sena.

Bħala regola, l-intervisti ma' vittmi u xhieda minuri jitmexxew minn uffiċjali tal-pulizija b'taħriġ jew esperjenza f'dan il-kompitu. L-intervista tista' titmexxa wkoll minn professjonista fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

B'konnessjoni mal-Isptarijiet Universitarji ta' bliet ewlenin, hemm ċentri ta' għarfien espert iddedikati li jispeċjalizzaw fis-smigħ ta' vittmi minuri ta' reat. Il-pulizija taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dawn iċ-ċentri.

**4. Taħriġ tal-professjonisti**

Il-Ministeru tal-Ġustizzja jorganizza regolarment taħriġ avvanzat għall-imħallfin, għall-persunal tal-qorti u għall-uffiċjali tal-għajnuna legali dwar il-psikoloġija tat-tfal, il-psikoloġija legali, id-drittijiet tal-vittmi, id-drittijiet tal-bniedem u l-ħtiġijiet speċjali tal-vittmi li jkunu ġew abbużati sesswalment. Il-prosekuturi jistgħu jieħdu sehem fit-taħriġ ukoll.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jorganizza taħriġ għall-prosekuturi li jittrattaw każijiet ta' abbuż sesswali u fiżiku tat-tfal. Is-suġġetti jinkludu l-iżvilupp tat-tfal, il-psikoloġija tat-tfal u kif għandha ssir interrogazzjoni ta' tfal.

It-taħriġ tal-uffiċjali tal-pulizija jinkludi taħriġ dwar il-psikoloġija tat-tfal, il-ħiliet fil-komunikazzjoni u kif għandha ssir interrogazzjoni ta' tfal. Kwalifika speċjali bħala espert tingħata lil dawk il-professjonisti li jkunu għamlu taħriġ speċjali mwettaq mill-Bord Nazzjonali tal-Pulizija.

**5. Aċċess għar-rimedji**

Jista' jitressaq ilment lill-Prosekutur Ġenerali dwar id-deċiżjoni tal-prosekutur li ma jiħux passi legali, u l-Prosekutur Ġenerali jkollu d-dritt li jagħti bidu għal kunsiderazzjoni ġdida tal-akkużi.

**6. Il-ħajja tal-familja**

L-ewwel stadju fil-proċess tal-adozzjoni huwa l-konsulenza b'rabta mal-adozzjoni pprovduta mill-organi muniċipali tal-protezzjoni soċjali u minn Save the Children Finland. Il-konsulenza b'rabta mal-adozzjoni hija mingħajr ħlas għall-klijenti. Għall-finijiet tal-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal permess għall-adozzjoni u talba għall-għoti ta' adozzjoni, il-fornitur tal-konsulenza b'rabta mal-adozzjoni għandu jipprovdi rapport bil-miktub dwar l-għoti ta' konsulenza b' rabta mal-adozzjoni. Ir-rapport għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar dawk ikkonċernati u ċ-ċirkostanzi tagħhom.

Abbażi tar-rapport, il-Bord tal-Adozzjoni jieħu d-deċiżjoni dwar l-għoti ta' permess għall-adozzjoni. L-adozzjoni ta' minuri teħtieġ permess mogħti mill-Bord tal-Adozzjoni f'adozzjonijiet domestiċi kif ukoll f'adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor. Il-permess huwa validu għal sentejn. L-applikanti jistgħu japplikaw għall-estensjoni tal-validità tal-permess.

Hemm tip wieħed biss ta' adozzjoni. Ladarba tingħata adozzjoni, il-persuna adottata għandha titqies bħala l-wild tal-ġenituri adottivi u mhux tal-ġenituri preċedenti.

Il-permess għall-adozzjoni ma jkunx meħtieġ jekk il-persuna adottata tkun il-wild tal-konjuġi ta' ġenitur adottiv prospettiv jew wild li diġà kien imħares u mrobbi mill-ġenitur adottiv prospettiv b'mod stabbilit.

Bħala regola, dawk li jadottaw minn barra l-pajjiż, minbarra li jingħataw konsulenza b'rabta mal-adozzjoni, iridu dejjem japplikaw għas-servizzi tal-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor. Dawn is-servizzi jiġu pprovduti mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali tal-Belt ta' Ħelsinki, minn Save the Children Finland u Interpedia.

Fi tmiem il-proċess, l-adozzjoni għandha tingħata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Ġustizzja favur il-persuni minuri fil-Finlandja (534 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 03/08/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti - Svezja

**1. L-età minima biex attur ikun jista' jiftaħ kawża quddiem il-qorti f'ismu stess**

Fl-Iżvezja, l-età minima tar-responsabbiltà kriminali hija ta' 15-il sena. Kawża tista' titressaq il-qorti minn persuni li jkollhom mill-inqas 18-il sena għal materji tal-familja, tal-impjiegi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, kif ukoll għal sanzjonijiet amministrattivi. Għall-materji tal-edukazzjoni, l-età hija ta' 16-il sena u, għall-materji tas-saħħa (jekk tkun tikkonċerna biss detenzjoni/kura psikjatrika obbligatorja) u t-tqegħid f'kura, l-età hija ta' 15-il sena (għalkemm il-minuri ġeneralment ikunu konvenuti u mhux atturi).

**2. Istituzzjonijiet speċjalizzati u awtoritajiet kompetenti**

L-Iżvezja ma għandhiex qrati speċjali għal trażgressuri żgħażagħ. Tfal taħt l-età ta' 15-il sena ma jistgħux jiġu mħarrka u minflok jaqgħu taħt il-kura tas-Servizzi Soċjali, filwaqt li dawk li għandhom bejn il-15 u t-18-il sena jiġu pproċessati fil-qrati ġenerali. L-Iżvezja għandha qrati ġenerali u qrati amministrattivi. Dawn jaħdmu b'mod parallel. Is-sistema tal-qorti amministrattiva tittratta l-kontestazzjonijiet għad-deċiżjonijiet amministrattivi.

Il-kawżi tad-dritt ċivili u l-kawżi li jirrigwardjaw il-kustodja, ir-residenza u l-kuntatt jiġu ttrattati mill-qrati ġenerali. Ma hemm l-ebda istituzzjoni speċjalizzata li tittratta l-minuri fil-proċedimenti ġudizzjarji ċivili fl-Iżvezja. Il-biċċa l-kbira tat-tilwim relatat mal-liġi tal-familja jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-qrati ġenerali.

**3. Miżuri legali u ta' politika fis-seħħ sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri**

Meta persuna minuri tkun suspettata b'reat, il-ġenituri jew persuna oħra responsabbli għall-kura tal-minuri għandhom jiġu nnotifikati mill-aktar fis possibbli dwar ir-reat u l-intervista mal-minuri. Il-ġenituri għandhom ikunu preżenti waqt l-intervista. Jekk ir-reat ikun serju, is-servizzi soċjali għandhom jiġu nnotifikati wkoll mill-aktar fis possibbli bir-reat u jkunu preżenti waqt l-interrogazzjoni. L-investigazzjoni u l-proċedimenti tal-qorti jiġu adattati għall-persuni suspettati żgħażagħ. Il-proċedimenti legali għandhom jitlestew fi żmien raġonevoli. Hemm ukoll regola ġenerali li tiddikjara li d-deċiżjonijiet rilevanti u l-bidu tal-proċedimenti għandhom iseħħu mingħajr dewmien żejjed meta jkunu involuti minuri f'kawżi li jikkonċernaw il-kustodja, ir-residenza u l-kuntatt.

### 4. Mekkaniżmi u proċeduri speċifiċi ta' manteniment għat-tfal u modi kif jiġi żgurat li l-vuċi tal-minuri tinstema'

Kemm il-persuni minuri kif ukoll dawk adulti jistgħu jkunu partijiet fi proċedimenti ġudizzjarji. B'hekk, il-persuni minuri li jkunu vittmi ta' reat għandhom l-istess dritt li jinstemgħu u li jipparteċipaw fil-proċedimenti bħall-adulti. F'każijiet fejn ir-rakkont tal-avvenimenti mill-minuri jkollu importanza partikolari (li huwa l-każ meta l-persuna minuri tkun vittma), espert fil-psikoloġija tat-tfal jew fil-psikoloġija tal-interrogazzjoni għandu jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni jew għandu jikkummenta fuq il-valur tar-rakkont tal-persuna minuri. Ma jeżisti l-ebda dritt ta' smigħ fir-rigward tax-xhieda, irrispettivament minn jekk ix-xhud ikunx minuri jew adult. Ix-xhieda mhumiex partijiet fil-proċess u ma għandhom l-ebda sehem fil-proċedimenti kriminali, għajr li jipprovdu r-rakkont tagħhom ta' dak li ġara, jekk ikun meħtieġ.

### 5. Approċċ multidixxiplinarju

Atturi differenti, bħall-pulizija, il-prosekuzzjoni, is-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali huma meħtieġa li jikkooperaw. Meta persuna minuri tkun vittma ta' vjolenza, ir-responsabbiltà prinċipali għall-kooperazzjoni taqa' fuq is-servizzi soċjali. Il-biċċa l-kbira tal-muniċipalitajiet għandhom l-hekk imsejħa gruppi ta' konsultazzjoni ma' rappreżentanti mis-servizzi soċjali, il-prosekuzzjoni, il-pulizija, is-servizzi tal-kura tas-saħħa tat-tfal, u s-servizzi tal-psikjatrija tat-tfal u taż-żgħażagħ, li jiddeċiedu dwar il-koordinazzjoni tal-isforzi u l-ippjanar u li jiddeċiedu f'liema ordni għandhom jaġixxu l-atturi differenti ladarba jkun sar rapport dwar reat fil-konfront ta' persuna minuri. Jekk persuna minuri tkun vittma ta' reat jew tkun suspettata li kkommettiet reat, il-pulizija u l-prosekuturi għandhom jikkooperaw dejjem. Il-kooperazzjoni tinbeda wkoll mas-servizzi soċjali u ma' atturi rilevanti oħrajn.

### 6. Miżuri fis-seħħ maħsuba biex jiżguraw li l-aħjar interessi tal-minuri jkunu kunsiderazzjoni primarja jew tal-akbar importanza

Il-liġi Żvediża tistipula li l-aħjar interessi tal-minuri għandhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja mill-qrati ġenerali, li jfisser li jeħtieġ li l-qorti tikkunsidra l-aħjar interessi ta' kull persuna minuri. F'każi li jikkonċernaw il-kustodja, ir-residenza u l-kuntatt, il-qorti tiddeċiedi dwar l-aħjar interess tal-persuna minuri. Madankollu, skont id-dritt amministrattiv Żvediż, ma hemm l-ebda prinċipju ġenerali li l-awtoritajiet jew il-qrati amministrattivi jridu jqisu l-aħjar interessi tal-minuri, jew li jrid jingħata piż partikolari lill-aħjar interessi tal-minuri. Għalhekk, f'dan ir-rigward, id-dritt amministrattiv huwa differenti mid-dritt ċivili. Madankollu, leġiżlazzjoni speċifika għas-settur introduċiet il-prinċipju li trid tingħata kunsiderazzjoni, fi gradi differenti, lill-aħjar interessi tal-minuri, f'xi oqsma amministrattivi speċifiċi.

### 7. Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Tfal taħt l-età ta' 15-il sena ma jistgħux jinżammu kriminalment responsabbli għal reati li jkunu kkommettew. Il-prinċipju fundamentali huwa li t-trażgressuri żgħażagħ għandhom l-ewwel ikunu soġġetti għal miżuri taħt is-Servizzi Soċjali, minflok jiġu ttrasferiti għas-Servizz tal-Ħabs u tal-Probation. Jeżistu sanzjonijiet speċjali li japplikaw biss għal trażgressuri żgħażagħ fl-età ta' bejn il-15 u l-21 sena. It-trażgressuri minuri fl-età ta' bejn it-18 u l-21 sena ta' spiss jiġu kkundannati għall-istess sanzjonijiet bħall-adulti. Jekk it-trażgressur ikun ikkommetta r-reat qabel l-età ta' 21 sena, iż-żgħożija tiegħu għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali meta jkun qed jiġi ddeterminat il-kastig. Id-dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati ċivili huma l-istess għall-minuri u għall-adulti. Jekk kontroparti ma tissodisfax l-obbligi tagħha skont sentenza jew deċiżjoni, il-parti tista' titlob għall-eżekuzzjoni tas-sentenza jew tad-deċiżjoni mill-Aġenzija tal-Eżekuzzjoni Żvediża. Il-Kodiċi tat-Tfal u tal-Ġenituri fih dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi jew tad-deċiżjonijiet dwar il-kustodja, ir-residenza u l-kuntatt, kif ukoll ta' deċiżjonijiet oħrajn skont il-Kodiċi. L-aħjar interessi tal-minuri għandhom jingħataw kunsiderazzjoni primarja meta jkunu qed jiġu eżegwiti tali sentenzi jew deċiżjonijiet.

### 8. Aċċess għar-rimedji

Hemm jedd ġenerali, jiġifieri mhux esklussiv għall-vittmi minuri, li jintalab rieżami ta' deċiżjoni biex ma ssirx prosekuzzjoni. Madankollu, huma biss il-partijiet ikkonċernati li jistgħu jagħmlu talba bħal din. Il-vittmi minuri, kif ukoll il-vittmi adulti, jistgħu jfittxu kumpens mit-trażgressur (danni). Fir-rigward tad-dritt ċivili, billi l-minuri b'mod ġenerali ma jkollhomx kapaċità proċedurali, huma jistgħu jiksbu aċċess biss għall-mekkaniżmi tal-ilmenti, tal-appelli legali jew tal-istħarriġ ġudizzjarju permezz tar-rappreżentant legali tagħhom.

### 9. Regoli ġenerali dwar l-adozzjoni (ta' persuna minuri jew adulta)

Id-deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni jittieħdu mill-qorti. It-talba ssir mill-persuna/persuni li tixtieq/jixtiequ tadotta/jadottaw. Il-qorti għandha teżamina jekk l-adozzjoni tkunx tista' sseħħ b'mod xieraq. Il-permess għall-adozzjoni ta' persuna minuri ma għandux jingħata, sakemm l-adozzjoni ma tinstabx li tkun ta' benefiċċju għall-minuri.

Ġustizzja favur il-persuni minuri fl-Iżvezja (255 Kb) en

L-aħħar aġġornament: 31/07/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.